



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.9.2025
COM(2025) 473 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

RAPPORT ANNWALI 2024 DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI TAS-SUSSIDJARJETÀ U TAL- PROPORZJONALITÀ U DWAR IR-RELAZZJONIJIET MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI

RAPPORT ANNWALI 2024

DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI TAS-SUSSIDJARJETÀ U TAL-PROPORZZJONALITÀ U DWAR IR-RELAZZJONIJIET MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI

1. INTRODUZZJONI

Dan huwa t-32 rapport dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità li ġie ppreżentat skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità (il-Protokoll Nru 2). Mill-2018 'l hawn, ir-rapport ikopri wkoll ir-relazzjonijiet tal-Kummissjoni mal-Parlamenti nazzjonali, li għandhom rwol ewlieni fl-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji.

B'kontributi mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kumitat Ewropew tar-Regġuni, dan ir-rapport iqis l-iżviluppi fl-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità u fir-relazzjonijiet tal-Kummissjoni mal-Parlamenti nazzjonali fl-2024. Jippreżenta wkoll xi xejriet osservati fl-ewwel mandat tal-President von der Leyen mill-2019 sal-2024.

Is-sena 2024 immarkat il-15-il sena ta' applikazzjoni tat-Trattat ta' Liżbona, li introduċa livell oġġla ta' skrutinju parlamentari u akkontabilità demokratika fl-UE. Matul is-snin, il-Parlamenti nazzjonali użaw il-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà fi gradi differenti, u l-Kummissjoni adattatu kemm jista' jkun biex tagħmlu aktar flessibbli. Il-Parlamenti nazzjonali appellaw għal bidliet addizzjonali¹, li parzjalment ikunu jeħtieġu l-emendar tat-Trattat. Il-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà huwa kkomplementat mid-djalogu politiku, li ġie introdott fl-2006. Dawn it-tnejn flimkien huma parti mit-tfassil tal-politika tal-UE u jiżguraw li l-Parlamenti nazzjonali jsemmgħu leħnhom kif xieraq fil-livell tal-UE.

F'dak li jirrigwarda x-xejriet ġenerali, l-għadd ta' opinjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali naqas f'dawn l-aħħar snin², filwaqt li żdiedet l-importanza tad-djalogu politiku mal-Kummissjoni għall-Parlamenti nazzjonali, fis-sens li għadd minnhom qed juru interess dejjem akbar li jinvolvu ruħhom fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE fi stadju aktar bikri³. Il-Kummissjoni ddikjarat ripetutament⁴ li hija lesta tkompli ssaħħa id-djalogu ta' benefiċċju reċiproku mal-Parlamenti nazzjonali permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni u ta' kooperazzjoni stabbiliti sew.

¹ Għar-riflessjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali nfushom dwar ir-rwol tagħhom fit-tfassil tal-politika tal-UE u fir-riforma tal-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà u tad-djalogu politiku, ara bħala eżempju reċenti l-Konklużjonijiet tal-2022 tal-Grupp ta' Ħidma tal-COSAC dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-UE (https://ipex.eu/IPEXL-WEB/download/file/082d290881a511e50181aac72ddd0080/Conclusions_Cosac_working_group_role_of_NP_in_the_EU_June2022_ENVFinale.pdf). It-talbiet ewlenin ġew imtennija fit-LXXII plenarja tal-COSAC f'Budapest f'Ottubru 2024 meta l-Parlamenti nazzjonali rrifletew fuq 15-il sena ta' esperjenza tal-attivitajiet tagħhom skont it-Trattat ta' Liżbona (<https://ipex.eu/IPEXL-WEB/download/file/8a8629a892fab4390192fbf3bf710003/Minutes+of+the+LXXII+COSAC+-+Budapest+-+28-29+October+2024.pdf>).

² Ara l-istatistika fit-Taqsima 3.1.

³ Ara d-dikjarazzjoni tal-Parlamenti nazzjonali bħala parti mill-Kontribut tat-LXXII Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet tal-Unjoni (COSAC), il-punt 14, li huma "wrew li jiżvolġu rwol attiv fl-iskrutinju *ex ante* tal-politiki tal-UE u li għandhom influwenza fuq l-abbozzi leġislattivi tal-UE permezz tad-djalogu politiku u tal-analiżi tas-sussidjarjetà skont il-Protokoll Nru 1 u Nru 2 tat-Trattat ta' Liżbona" (https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:C_202407493LXXII+COSAC+Conclusions+EN.pdf).

⁴ Ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-Kontribut tat-LXVIII laqgħa plenarja tal-Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet tal-Unjoni (COSAC) adottata fi Praga, 13–15 ta' Novembru 2022 (<https://ipex.eu/IPEXL-WEB/download/file/8a8629a89541775f0195474fb16e0031/Commission+reply+to+the+LXXII+COSAC+Contribution.pdf>) u għall-kontribut tal-Plenarja tat-LXXII COSAC f'Ottubru 2024 (<https://ipex.eu/IPEXL-WEB/download/file/8a8629a89541775f0195474fb16e0031/Commission+reply+to+the+LXXII+COSAC+Contribution.pdf>).

Hija ħeġġet lill-Parlamenti nazzjonali biex ikompli jiżviluppaw u jużaw il-potenzjal sħiħ tal-istrumenti diġà fis-seħħ sabiex isaħħu r-reżiljenza demokratika tagħna u jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi politiċi u istituzzjonali strateġiċi ewlenin.

L-2024 kienet sena ta' tranżizzjoni bejn żewġ mandati tal-Kummissjoni. Dan kellu effett fuq l-intensità tal-kontroll tas-sussidjarjetà mill-Parlamenti nazzjonali u d-djalogu politiku tagħhom mal-Kummissjoni. Normalment, fis-snin ta' tranżizzjoni, l-għadd ta' opinjonijiet, opinjonijiet motivati, żjarat u laqgħat mal-Membri tal-Kummissjoni, u l-parteċipazzjoni tal-Membri tal-Kummissjoni f'avvenimenti interparlamentari, jonqsu. Hekk ġara wkoll fl-2024, għalkemm sa ċertu punt inqas mis-sena ta' tranżizzjoni preċedenti tal-2019. Il-Kummissjoni rċeviet 252 opinjoni, li 14 minnhom kienu opinjonijiet motivati.

2. APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI TAS-SUSSIDJARJETÀ U TAL-PROPORZJONALITÀ MILL-ISTITUZZJONIJIET

2.1. IL-KUMMISSJONI

Implimentazzjoni tal-impenji għal regolamentazzjoni aħjar

Is-sistema komprensiva ta' regolamentazzjoni aħjar tal-Kummissjoni, li hija kklassifikata fl-ogħla livell mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi⁵, hija bbażata fuq il-linji gwida u s-sett ta' għodod adottati fl-2021⁶. Din kompliet tiġi aġġornata f'Lulju 2023 bl-introduzzjoni ta' kontroll ġdid tal-kompetittività bħala anness obbligatorju tal-valutazzjonijiet tal-impatt⁷.

Bħal fis-sentejn preċedenti, il-Kummissjoni kisbet eżitu pożittiv bl-implimentazzjoni tal-approċċ tagħha ta' "one in, one out" li jikkompensa l-piżijiet amministrattivi ġodda kollha fuq in-negozju u ċ-ċittadini billi jnaqqas il-piżijiet eżistenti fl-istess qasam ta' politika. Barra minn hekk, hija segwiet u saħħet l-oġettiv tagħha li tnaqqas il-piż amministrattiv b'mill-inqas 25–35 %⁸, kif imħabbar fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni tal-2024, mingħajr ma ddgħajef l-oġettivi ta' politika relatati.

Kontribut għas-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż permezz tal-pjattaforma "Fit for Future"

Fl-2024, il-pjattaforma "Fit for Future"⁹ – grupp ta' esperti ta' livell għoli li jgħin lill-Kummissjoni tissimplifika l-liġijiet tal-UE u tnaqqas il-piżijiet regolatorji bla bżonn – adottat tmien

⁵ [OECD Regulatory Policy Outlook 2021 | en | OECD](#).

⁶ [Better regulation: guidelines and toolbox \(europa.eu\)](#); ara wkoll il-Komunikazzjoni dwar Regolamentazzjoni Aħjar COM(2021) 219 final.

⁷ Kif imħabbar fil-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-kompetittività fit-tul tal-UE u dwar l-ġajnuna għall-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (il-pakkett ta' ġajnuna għall-SMEs): COM(2023) 168 final u COM(2023) 535 final.

⁸ [Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2024](#); il-mira issa hija tnaqqis ta' mill-inqas 25 % tal-piż amministrattiv kollu u mill-inqas 35 % għall-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju.

⁹ Il-pjattaforma "Fit for Future" tisfrutta l-għarfien espert u l-esperjenza tal-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali tal-governanza u tal-partijiet ikkonċernati. Hija magħmula minn żewġ gruppi: il-grupp tal-gvernijiet (rappreżentanti mill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali mill-Istati Membri kollha tal-UE, u mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni) u l-grupp tal-partijiet ikkonċernati (esperti dwar regolamentazzjoni aħjar li jirrappreżentaw in-negozji u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, kif ukoll il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew). Ara https://commission.europa.eu/law/law-making-process/evaluating-and-improving-existing-laws/refit-making-eu-law-simpler-less-costly-and-future-proof/fit-future-platform-f4f_mt.

opinjoni¹⁰. Xi wħud minnhom kienu f'waqthom fil-kuntest tar-razzjonalizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar dwar ir-rapportar awtomatizzat dwar is-sostenibbiltà, azzjonijiet u metodoloġija biex tiġi evitata l-akkumulazzjoni ta' obbligi ta' rapportar bla bżonn u r-Regolament dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà finanzjarja. Bħala eżempju: żewġ opinjonijiet kienu l-bażi għal evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni li jinsabu għaddejnin dwar fondi tal-UE¹¹; opinjoni oħra ffukat fuq l-evalwazzjoni tal-politika¹²; u żewġ opinjonijiet kienu relatati mal-prodotti organiċi¹³. Ħafna minn dawn l-opinjonijiet issuġġerew ideat għas-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż anke fil-livell lokali u reġjonali.

In-network RegHub tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni¹⁴ kkontribwixxa għall-ħidma tal-pjattaforma "Fit for Future" fuq diversi opinjonijiet rigward fondi tal-UE.

Valutazzjonijiet tal-impatt

Il-Kummissjoni tanalizza l-konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fil-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha mħejjija għall-proposti ta' politika u leġiżlattivi politikament sensittivi u importanti. Skont is-Servizz ta' Riċerka Parlamentari Ewropew¹⁵, kien hemm titjib kostanti fil-kwalità medja ta' din id-dimensjoni fil-valutazzjonijiet tal-impatt. Dawn il-valutazzjonijiet huma soġġetti għal kontroll tal-kwalità indipendenti mill-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju¹⁶, li skrutinizza tliet valutazzjonijiet tal-impatt fl-2024.

Fil-valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, l-aspetti transfruntiera huma partikolarment rilevanti – kif enfasizzat, pereżempju, fil-valutazzjoni tal-impatt tal-proposta għal Direttiva dwar is-Servizzi Armonizzati tal-Infurmazzjoni tax-Xmajjar (RIS, river information services) fil-passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità¹⁷. Ir-raġuni għall-intervent pubbliku fil-livell tal-UE permezz tad-Direttiva dwar l-RIS hija bbażata fuq il-karattru transfruntier u internazzjonali tas-settur tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni. Aktar minn 75 % tan-navigazzjoni interna fl-UE tikkonsisti fi trasport transfruntier. Huma meħtieġa azzjonijiet koordinati tal-UE biex jissaħħaħ is-suq uniku. Dan jevita l-frammentazzjoni bejn approċċi nazzjonali differenti lejn l-implimentazzjoni tal-RIS.

Evalwazzjonijiet u kontrolli tal-idoneità

Il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità huma wkoll aspetti essenzjali għall-evalwazzjonijiet u l-kontrolli tal-idoneità, li jivvalutaw jekk l-azzjoni fil-livell tal-UE wasslitx ir-

¹⁰ It-titoli kienu: 1. Rapportar awtomatizzat dwar is-sostenibbiltà; 2. Azzjonijiet/metodoloġija biex tiġi evitata l-akkumulazzjoni ta' obbligi ta' rapportar bla bżonn; 3. Divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fis-settur tas-servizzi finanzjarji; 4. Evalwazzjoni ta' prattiki kummerċjali inġusti (UTP, unfair trading practices) fir-relazzjonijiet B2B fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari; 5. Evalwazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+); 6. Evalwazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta; 7. Il-kodiċijiet QR fuq il-prodotti; 8. Il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi.

¹¹ Il-Fond Soċjali Ewropew + u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

¹² Prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet B2B fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari.

¹³ Il-kodiċijiet QR u l-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi.

¹⁴ RegHub huwa network ta' awtoritajiet lokali u reġjonali li għandu l-għan li jiġbor esperjenzi dwar l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE billi jikkonsulta mal-atturi fil-livell lokali: <https://portal.cor.europa.eu/reghub/Pages/default.aspx>. Għal aktar informazzjoni dwar il-ħidma tan-network RegHub, ara t-Taqsima 2.4.

¹⁵ EPRS – Studju tas-Servizz ta' Riċerka Parlamentari Ewropew (Frar 2025) [Quality analysis of European Commission impact assessments | Think Tank | Il-Parlament Ewropew](https://commission.europa.eu/law/law-making-process/regulatory-scrutiny-board_mt)

¹⁶ https://commission.europa.eu/law/law-making-process/regulatory-scrutiny-board_mt.

¹⁷ COM(2024) 33 final. Din il-proposta wasslet għal opinjoni motivata mir-Riksdag Żvediż, li hija koperta f'dan ir-rapport fit-taqsima 3.2.

riżultati mistennija f'termini ta' effiċjenza, effettività, koerenza, rilevanza u valur miżjud tal-UE. L-evalwazzjonijiet jgħinu wkoll biex jiġi vvalutat jekk l-azzjoni tal-UE għadhiex tikkonforma mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

Fl-2024, il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju skrutinizza 17-il evalwazzjoni ewlenija u 2 kontrolli tal-idoneità.

Għalhekk, l-evalwazzjoni tal-Programm Spazjali tal-UE u l-prestazzjoni tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali¹⁸, pereżempju, tissottolinja li l-kwistjonijiet tal-ispazju jirrikjedu livell għoli ta' investiment biex jinkisbu r-riżultati u tinkiseb l-indipendenza meħtieġa tal-Ewropa; pajjiż wieħed ma jistax jikseb riżultati sinifikanti waħdu jew jaffordja programm spazjali kbir. Id-daqs u l-kumplessità tal-programmi jeħtieġu implimentazzjoni fil-livell tal-UE, peress li ma teżisti l-ebda alternattiva vijabbli li tiżgura redditu xieraq fuq l-investiment.

F'dan ir-rigward, l-evalwazzjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)¹⁹ uriet li l-oġettiv tal-politika tal-UE fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni ntlaħaq – jiġifieri li tiġi żviluppata u implimentata ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri fil-livell nazzjonali u tal-UE, li hija konsegwenza neċessarja tal-moviment liberu tal-persuni fi ħdan l-Unjoni. Il-Frontex tgħin lill-Istati Membri biex jimplimentaw ġestjoni effettiva tal-fruntieri. Il-mandat tagħha tfassal fil-qafas tar-responsabbiltà kondiviża, bil-kompiti tal-Frontex immirati biex jiżguraw appoġġ lill-Istati Membri fil-ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni u tar-ritorni. Il-Frontex iġġib valur miżjud tal-UE lill-Istati Membri billi tipprovdi persunal u tagħmir addizzjonali kif ukoll tikkordina operazzjonijiet konġunti u attivitajiet operazzjonali oħra li l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jiksibu waħedhom.

2.2. IL-PARLAMENT EWROPEW²⁰

Fl-2024, il-Parlament Ewropew irċieva 152 sottomissjoni mill-Parlamenti nazzjonali skont il-Protokoll Nru 2. Minn dawn is-sottomissjonijiet, 14 kienu opinjonijiet motivati u 136 kienu kontributi oħra li ma qajmux tħassib dwar is-sussidjarjetà. Bħala paragun, fl-2023, il-Parlament Ewropew irċieva 294 sottomissjoni, li 22 minnhom kienu opinjonijiet motivati.

Ladarba l-Parlament Ewropew jirċievi sottomissjonijiet mill-Parlamenti nazzjonali, dawn jintbagħtu lill-kumitat(i) rilevanti skont ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew²¹. Is-Sur Gilles Lebreton (ID/FR) u s-Sur Ton Diepeveen (P/E/NL) kienu r-rapporteurs permanenti għas-sussidjarjetà fil-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI) fl-ewwel u t-tieni nofs tal-2024 rispettivament. L-opinjonijiet motivati riċevuti u kkonfermati bħala tali mill-Kumitat jiġu inklużi bħala informazzjoni fl-aġenda tal-ewwel laqgħa disponibbli tal-Kumitat JURI. Il-Kumitat jikkontribwixxi wkoll għar-rapporti biennali mill-Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet tal-Unjoni tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea (COSAC, Conférence des organes parlementaires spécialisés dans les affaires de l'Union) dwar mistoqsijiet relatati mas-sussidjarjetà u mal-proporzjonalità.

¹⁸ SWD(2024) 173 final.

¹⁹ SWD(2024) 75 final.

²⁰ It-Taqsimiet 2.2. sa 2.4. ta' dan ir-rapport huma bbażati fuq kontributi mill-istituzzjonijiet u mill-korpi rispettivi tal-UE.

²¹ Skont l-Artikolu 43, jekk Parlament nazzjonali jibgħat opinjoni motivata lill-President tal-Parlament Ewropew, dik l-opinjoni tiġi rriferuta lill-kumitat responsabbli għas-suġġett u tintbagħat għall-informazzjoni lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI), li huwa responsabbli għall-osservanza tal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Is-Servizz ta' Riċerka Parlamentari Ewropew kompla jassisti lill-membri u lill-kumitati tal-Parlament Ewropew fl-inkorporazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet ta' sussidjarjetà u proporzjonalità fil-ħidma tagħhom²² billi:

- li jwettqu skrutinju sistematiku tal-aspetti tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni u għied l-attenzjoni għal kwalunkwe tħassib espress, b'mod partikolari mill-Parlamenti nazzjonali u mill-Kumitat tar-Reġjuni;
- li jiżguraw li l-ħidma tal-Parlament Ewropew stess taderixxi bis-sħiħ ma' dawn il-prinċipji, pereżempju billi jwettaq valutazzjonijiet tal-impatt tal-emendi sostanzjali tiegħu stess jew billi janalizza l-valur miżjud tal-proposti tal-Parlament Ewropew għal leġislazzjoni ġdida, abbażi tal-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-kost ta' ebda azzjoni mill-UE;
- li jagħmlu skrutinju tal-aspetti tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità meta jiġu abbozzati l-valutazzjonijiet tal-impatt, b'fokus fuq il-valur miżjud tal-UE.

2.3. IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Fl-2024, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (il-Kunsill) kompla jimmonitorja l-implimentazzjoni effettiva tal-konklużjonijiet li l-Kunsill u l-Kunsill Ewropew kienu adottaw fis-snin preċedenti fir-rigward tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità²³.

Il-Kunsill Ewropew indirizza wkoll kwistjonijiet rilevanti għall-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, b'mod partikolari s-simplifikazzjoni regolatorja u modi kif jitnaqqas il-piż regolatorju fuq iċ-ċittadini, il-kumpaniji u l-Istati Membri. Fil-Kunsill Ewropew Speċjali tas-17 u t-18 ta' April 2024, il-mexxejja tal-UE saħqu li "Il-qafas regolatorju għandu jiżgura ċ-ċertezza u l-prevedibbiltà legali, u jkun integrat aħjar, koerenti fl-oqsma kollha ta' politika, miftuħ għal approċċi innovattivi u diġitali b'mod awtomatiku, filwaqt li jnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-kumpaniji. Filwaqt li tqis in-nisġa ekonomika tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tapplika l-prinċipju "Aħseb l-ewwel fiż-żgħir" meta tfassal leġislazzjoni ġdida." Il-Kunsill stieden ukoll lill-Kummissjoni "tnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv u regolatorju fuq il-kumpaniji u l-awtoritajiet nazzjonali, tipprevjeni r-regolamentazzjoni żejda u tiżgura l-infurzar tar-regoli tal-UE, u jenfasizza l-importanza ta' implimentazzjoni f'waqtha u korretta tal-leġislazzjoni tal-UE mill-Istati Membri, filwaqt li tiġi evitata traspożizzjoni żejda."²⁴

²² Fl-2024, dan ipproduċa 19-il evalwazzjoni fil-qosor inizjali tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni, valutazzjoni tal-impatt kumplementari waħda, tmien evalwazzjonijiet fil-qosor tal-implimentazzjoni, erba' listi ta' kontroll kontinwi dettaljati u studju wieħed ta' evalwazzjoni *ex post*. Fir-rigward tal-valur miżjud tal-UE, kien hemm ukoll ħames rapporti dwar il-Kost tan-Non-Ewropa, u pubblikazzjoni waħda tal-valur miżjud. B'mod ġenerali, matul il-5 snin tal-aħħar perjodu leġislattiv, bejn Lulju 2019 u Ġunju 2024, is-Servizz ta' Riċerka Parlamentari Ewropew pproduċa total ta' 362 pubblikazzjoni li jappoġġaw il-kumitati parlamentari.

²³ Speċjalment dawk diġà msemmija fit-Taqsima 2.3 tal-edizzjoni preċedenti ta' dan ir-rapport annwali: il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar "It-tlestija ulterjuri tal-Aġenda tas-Suq Uniku" (id-dokument EUCO 17/18, il-punti II/2 u IV/15 u d-dokument EUCO 13/20, il-punt II/4; u, f'termini ta' implimentazzjoni, id-dokument tal-Kunsill ST 11654/21); il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Regolamentazzjoni aħjar – niżguraw il-kompetittività u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv" (id-dokument tal-Kunsill ST 6232/20, il-punti 2 u 12); il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Ambjenti ta' Esperimentazzjoni Regolatorja u klawżoli ta' Esperimentazzjoni bħala għodod għal qafas regolatorju reżiljenti, favorevoli għall-innovazzjoni u reżistenti għall-futur li jegħleb l-isfidi ta' tfixkil fl-era diġitali (id-dokument tal-Kunsill ST 13026/1/20 REV 1, il-punti 3 u 12); il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Teknoloġiji tad-data għat-titjib tar-Regolamentazzjoni Aħjar" (ĠU C 241, 21.6.2021, p. 13).

²⁴ EUCO 12/24, il-punti 19 u 20.

Fl-24 ta' Mejju 2024, il-Kunsill wiegħeb billi adotta żewġ settijiet ta' konklużjonijiet dwar "Suq Uniku għall-benefiċċju ta' kulħadd"²⁵ u "Industrija Ewropea kompetittiva li tixpruna l-futur ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tagħna"²⁶:

- fejn jenfasizza "li Suq Uniku li jiffunzjona bis-sħiħ irid ikun ibbażat fuq il-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità"²⁷;
- jenfasizza "l-ħtieġa ta' simplifikazzjoni urġenti u ambizzjuża tal-qafas regolatorju tal-Unjoni ("choc de simplification")"²⁸;
- ifakkar "fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir 2023 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi²⁹ tat-tweġġ ta' politika skont il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi rispettivi u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, fid-dawl tal-isfidi attwali u futuri"³⁰.

Fl-2024, il-Kunsill għadda proposta leġiżlattiva waħda lill-Parlamenti nazzjonali li kienet orġinat mill-Bank Ewropew tal-Investment³¹.

Minbarra l-obbligi tiegħu skont it-Trattat, il-Kunsill iżomm lill-Istati Membri infurmati dwar l-opinjonijiet motivati tal-Parlamenti nazzjonali dwar il-proposti leġiżlattivi. Fl-2024, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill qassam 14-il opinjoni motivata li kienu waslu skont il-Protokoll Nru 2 dwar 11-il abbozz ta' atti leġiżlattivi differenti u 89 opinjoni maħruġa bħala parti mid-djalogu politiku.

Kull sena, il-Kunsill jirċievi wkoll opinjonijiet dwar atti mhux leġiżlattivi. Dan l-għadd baqa' stabbli f'dawn l-aħħar snin. Fl-2024, il-Kunsill irċieva 72 opinjoni ta' dan it-tip.

2.4. IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (il-KtR) ħadem fuq is-sussidjarjetà, il-proporzjonalità u r-regolamentazzjoni aħjar, iggwidat mill-prijoritajiet għall-mandat tiegħu 2020–2025, u ppromwova kultura ta' sussidjarjetà attiva permezz tal-azzjonijiet tiegħu. Huwa adotta 53 opinjoni u 4 riżoluzzjonijiet³². Nofs dawn l-opinjonijiet³³ u riżoluzzjonijiet³⁴ kienu jinkludu jew referenzi speċifiċi għall-konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, jew rakkomandazzjonijiet konkreti sabiex tittejjeb tali konformità.

L-opinjoni fuq inizzjattiva proprja "Sussidjarjetà attiva: prinċipju fundamentali fl-aġenda tal-UE għal regolamentazzjoni aħjar"³⁵ enfasiszta l-ħtieġa għal approċċ komprensiv u integrat matul iċ-ċiklu tat-teħid tad-deċiżjonijiet bl-użu sistematiku, konsistenti u kontinwu ta' għodod differenti

²⁵ Id-dokument tal-Kunsill ST 10298/24.

²⁶ Id-dokument tal-Kunsill ST 10127/24.

²⁷ Id-dokument tal-Kunsill ST 10298/24, il-punt I/1/4.

²⁸ Id-dokument tal-Kunsill ST 10298/24, il-punt II/8.

²⁹ Id-dokument tal-Kunsill ST 6681/23 + COR 1.

³⁰ Id-dokument tal-Kunsill ST 10298/24, il-punt III/25.

³¹ Disponibbli fuq ir-reġistru pubbliku tal-Kunsill (CM 5236/24).

³² Għad-dettalji kollha, ara [EUR-Lex \(europa.eu\)](https://eur-lex.europa.eu).

³³ 26 mit-total ta' 53 opinjoni. Minn 53 opinjoni, 10 huma dwar atti legali, b'sebgħa li jirreferu għall-prinċipju tas-sussidjarjetà. It-43 opinjoni l-oħra ma jikkonċernawx proposti leġiżlattivi – u jistgħu jirreferu kull meta jkun xieraq għall-prinċipju tas-sussidjarjetà skont ir-Regoli ta' Proċedura tal-KtR, l-Artikolu 55.2 – minn dawn, 19 isemmu s-sussidjarjetà, filwaqt li 24 ma jirreferux espliċitament għaliha.

³⁴ Żewġ riżoluzzjonijiet minn erbgħa. Ir-riżoluzzjoni tal-KtR dwar [l-Istat tar-Reġjuni u l-Bliet fl-UE u l-linji gwida ta' politika għall-Kummissjoni Ewropea 2024–2029](#) tenfasizza li s-sussidjarjetà attiva u l-involvement sħiħ tal-awtoritajiet lokali u reġjonali huma kruċjali għat-titjib tal-qafas regolatorju tal-UE. Hija tappoġġa l-proposti tar-rapport ta' Draghi biex is-sussidjarjetà tiġi applikata b'mod intelliġenti u attiv, u tenfasizza wkoll il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali.

³⁵ https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:C_202405366&qid=1703059324693.

għal regolamentazzjoni aħjar – bħal valutazzjonijiet tas-sussidjarjetà, il-proporzjonalità, l-impatt territorjali u l-verifika rurali. Bħala segwitu, il-Grupp ta' Tmexxija ta' Regolamentazzjoni Aħjar u Sussidjarjetà Attiva tal-KtR (BRASS-G, Better Regulation and Active Subsidiarity Steering Group) adotta sett ta' rakkomandazzjonijiet dwar "L-iżvilupp u t-tisħiħ tal-politika u s-sett ta' għodod tal-KtR dwar regolamentazzjoni aħjar"³⁶, bl-għan li jiġu ssimplifikati u kkonsolidati aktar l-għodod ta' regolamentazzjoni aħjar tal-KtR. Il-11-il Konferenza dwar is-Sussidjarjetà³⁷, iddedikata għal "Regolamentazzjoni aħjar u sussidjarjetà attiva: għodod essenzjali għal UE li tagħti riżultati", kienet partikolarment sinifikanti peress li ħabtet mal-bidu tal-mandat istituzzjonali l-ġdid. Il-Konklużjonijiet tal-Konferenza³⁸ wkoll appellaw għal dan l-approċċ komprensiv taħt it-tema "Regolamentazzjoni aħjar u sussidjarjetà attiva: għodod essenzjali għal UE li tagħti riżultati".

Il-BRASS-G mexxa l-għodod differenti ta' regolamentazzjoni aħjar tal-KtR, filwaqt li żgura l-koerenza u s-sinerġiji bejniethom u ppromwova l-kontribut tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għal regolamentazzjoni aħjar tal-UE matul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu, mill-bidu sal-evalwazzjoni *ex post*. Dan kien jinkludi l-fażijiet ta' identifikazzjoni bikrija tax-xejriet u tal-kwistjonijiet (permezz ta' prospettiva strateġika), l-iżvilupp tal-politika (permezz tal-monitoraġġ tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, il-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali u l-verifika rurali), ir-rieżami leġiżlattivi (b'fokus fuq l-implimentazzjoni permezz tan-network RegHub) u r-reviżjoni possibbli tal-politika (permezz tal-kontribut tal-KtR għall-pjattaforma "Fit for Future").

Il-monitoraġġ tas-sussidjarjetà tal-KtR³⁹ kien iggwidat mill-programm ta' ħidma annwali tiegħu għall-2024 dwar is-sussidjarjetà⁴⁰, li identifika tliet inizjattivi mill-programm ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni għall-2024 bħala prijoritajiet ta' monitoraġġ minħabba l-interess politiku ċar tagħhom għall-awtoritajiet lokali u reġjonali. Il-KtR adotta u ppubblika opinjonijiet dwar it-tlieta li huma⁴¹. L-iskambju ta' osservazzjonijiet dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità fost l-awtoritajiet lokali u reġjonali ġie ffaċilitat mill-Grupp ta' Esperti dwar is-Sussidjarjetà tal-KtR⁴² għall-valutazzjonijiet tas-sussidjarjetà ta' inizjattivi fil-programm ta' ħidma dwar is-sussidjarjetà u min-Network ta' Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà⁴³, b'mod partikolari permezz tal-kontributi tas-sħab tar-REGPEX⁴⁴, li ppreżentaw seba' kontributi⁴⁵.

F'konformità mal-istrateġija mġedda tiegħu għall-valutazzjoni tal-impatt territorjali⁴⁶, il-KtR

³⁶ Ir-rakkomandazzjonijiet "[Developing and enhancing the CoR's policy and toolbox on better regulation](#)" u l-anness tagħhom fuq "[Ensuring the sustainability and upgrade of the CoR better regulation activities](#)". Bl-istess mod, l-istudju "[Charting the course to better EU law-making: optimisation of EU Treaties through inter-institutional cooperation with the European Committee of the Regions](#)" analizza l-għodod u l-proċessi eżistenti ta' regolamentazzjoni aħjar tal-UE u tal-KtR, u eżamina l-għażliet biex dawn jittejjbu jew biex jiġu stabbiliti oħrajn ġodda fil-qafas attwali tat-Trattat u b'emendi potenzjali tat-Trattat.

³⁷ <https://cor.europa.eu/en/plenaries-events/11th-subsidiarity-conference>.

³⁸ <https://webapi2016.cor.europa.eu/v1/documents/cor-2024-03670-00-00-tcd-ref-en.pdf/content>.

³⁹ <https://cor.europa.eu/en/our-work/cooperations-and-networks/subsidiarity-monitoring-network>.

⁴⁰ <https://portal.cor.europa.eu/subsidiarity/Publications/Documents/cor-2023-04735-07-00-nb-tra-en.pdf>.

⁴¹ ENVE-VII/050 "[Il-futur tal-politika tal-UE dwar il-klima: allinjament tal-miri tal-mitigazzjoni u l-isfidi ta' adattament](#)"; ENVE-VII/047 "[Lejn ġestjoni reżiljenti tal-ilma biex tiġi miġġielda l-kriżi klimatika fi ħdan Patt Blu tal-UE](#)"; ENVE-VII/045 "[Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Enerġija mir-Riħ](#)".

⁴² <https://portal.cor.europa.eu/subsidiarity/whatis/Pages/Subsidiarity-Expert-Group.aspx>.

⁴³ https://portal.cor.europa.eu/subsidiarity/Documents/SMN%20-%20List%20of%20Network%20Partners/SMN_List_of_Network_Partners.pdf.

⁴⁴ Is-Sottogrupp tan-Network ta' Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà li jiġbor il-parlamenti jew l-assembleji li jirrappreżentaw reġjuni b'setgħa leġiżlattiva.

⁴⁵ Dawn il-kontributi jinkludu pożizzjonijiet adottati minn parlamenti reġjonali individwali (il-Parlamenti tal-Istat tal-Awstrija ta' Fuq, il-Parlament Reġjonali Katalan, l-Assemblea Reġjonali ta' Friuli-Venezia Giulia, u l-Parlament tal-Istat tal-Bavarja) u l-gvernijiet reġjonali (il-Gvern tal-Istat tal-Awstrija t'Isfel).

⁴⁶ <https://cor.europa.eu/en/our-work/commissions/coter/territorial-impact-assessment>.

adotta opinjoni dwar il-futur tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea⁴⁷. Huwa enfasisza li n-Network Ewropew għall-Osservazzjoni tal-Ippjanar Spazjali kien għodda ta' politika ewlenija għall-iżvilupp tal-għarfien territorjali u għat-tnaqqis tal-lakuni fl-għarfien.

Il-KtR kompla jenfasizza l-importanza tal-verifika rurali billi appella għal strateġiji li jappoġġaw l-iżvilupp rurali u l-koeżjoni territorjali fir-rapport annwali tiegħu “l-Istat tar-Reġjuni u l-Bliet”⁴⁸ u billi adotta d-“Dikjarazzjoni tal-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Patt Rurali dwar il-futur taż-żoni rurali u l-politika futura dwar l-iżvilupp rurali fl-UE”⁴⁹.

Il-KtR kompla japplika l-għodod ta' regolamentazzjoni aħjar *ex post* tiegħu fi sħubija mal-Kummissjoni billi pparteċipa fil-pjattaforma “Fit for Future”. Żewġ membri tal-KtR inħatru bħala rapporteurs⁵⁰ għal tnejn mit-tmien opinjonijiet tal-2024. In-network RegHub tal-KtR wettaq erba' konsultazzjonijiet fl-2024, li tnejn minnhom appoġġaw opinjonijiet “Fit for Future”.

Il-KtR aġġorna l-“Practical guide on monitoring compliance with the subsidiarity principle and contesting its infringements” tiegħu⁵¹. Din tipprovdi qafas komprensiv għall-fehim tal-prinċipju tas-sussidjarjetà fil-ħidma konsultattiva tal-KtR sabiex tirrifletti l-aħħar żviluppi.

Fil-kuntest tal-kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE, il-KtR iffirma ftehimiet ta' kooperazzjoni mġedda kemm mal-Kummissjoni kif ukoll mal-Parlament Ewropew. Tal-ewwel⁵² jiffoka fuq il-governanza u s-sussidjarjetà f'diversi livelli, u tal-aħħar⁵³ fuq ir-regolamentazzjoni aħjar u l-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali. It-tnejn jenfasizzaw il-ħtieġa għal involviment lokali u reġjonali akbar fit-tfassil tal-politika tal-UE u jinkludu referenzi b'saħħithom għal regolamentazzjoni aħjar u kontroll effettiv tas-sussidjarjetà.

2.5 IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

Fl-2024, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-Qorti) tat bosta sentenzi dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

Dwar il-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-Qorti Ġenerali qieset li s-setgħa tal-Kummissjoni li tibda proċedimenti skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, f'dan il-każ fuq talba ta' awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni li kienet diġà bdiet taġixxi fuq il-każ, ġiet eżerċitata f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 11(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 u tali eżerċizzju tas-setgħat ma jistax jitqies bħala li jimmina l-prerogattivi tal-Istat Membru kkonċernat u lanqas bħala ksur tal-prinċipju tas-sussidjarjetà⁵⁴.

⁴⁷ COTER-VII/038 “[Il-futur tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea wara l-2027](#)”.

⁴⁸ https://ruralpact.rural-vision.europa.eu/news/new-cor-report-regions-call-strategies-supporting-rural-development-and-territorial-cohesion_en.

⁴⁹ https://ruralpact.rural-vision.europa.eu/publications/rural-pact-coordination-group-rpcg-declaration-future-rural-areas-and-rural_en.

⁵⁰ Is-Sur Mark Speich (DE/PPE) għall-“Evaluation of the European Regional Development Fund and the Just Transition Fund” u s-Sa Anne Karjalainen (FI/PES) għall-“Evaluation of the European Social Fund Plus (ESF+)”.

⁵¹ Tipprovdi qafas komprensiv għall-fehim tal-prinċipju tas-sussidjarjetà fil-ħidma konsultattiva tal-KtR. https://portal.cor.europa.eu/subsidiarity/Publications/SiteAssets/Pages/Publicationsandstudies-/Guide_on_Subsidiarity_Reviewed_2024.pdf.

⁵² Il-Kapitolu III jiffoka fuq l-“Implimentazzjoni tas-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità, il-Governanza f'Diversi Livelli u Regolamentazzjoni Aħjar”.

⁵³ Kollaborazzjoni dwar regolamentazzjoni aħjar u sussidjarjetà attiva permezz ta' valutazzjonijiet tal-impatt territorjali fuq il-leġislażzjoni tal-UE, fejn il-KtR se jipprovdi rapporti f'waqthom lill-Parlament Ewropew u fejn iż-żewġ partijiet jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħat ta' xulxin biex jiddiskutu dawn ir-rapporti.

⁵⁴ Is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2024, Crown Holdings u Crown Cork & Seal Deutschland vs Il-Kummissjoni, T-587/22, ECLI:EU:T:2024:661, il-punti 75 sa 81 (appell pendenti: Kawża C-855/24 P).

F'kawża oħra, il-Qorti Ġenerali ċċarat li l-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità jagħti rwol lill-Parlament nazzjonali biss fir-rigward tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u mhux fir-rigward tal-konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità⁵⁵.

Dwar il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-Qorti ċċarat ir-rekwiżiti li jsegu mill-prinċipju għall-leġiżlatur tal-UE meta jeżerċita d-diskrezzjoni wiesgħa tiegħu f'oqsma li jinvolvu għażliet politiċi, ekonomiċi jew soċjali. F'sentenza dwar il-kontestazzjonijiet imressqa minn diversi Stati Membri kontra l-Pakkett dwar il-Mobbiltà adottat mil-leġiżlatur tal-UE f'Lulju 2020, il-Qorti fakkret li l-leġiżlatur irid juri li eżerċita b'mod korrett id-diskrezzjoni tiegħu, filwaqt li jqis il-fatturi u ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tas-sitwazzjoni li l-att kien maħsub li jirregola⁵⁶. Għalhekk, il-leġiżlatur jeħtiegħu jkun jista' jipproduċi u jesponi b'mod ċar u inekwivoku l-fatti bażiċi li kellhom jistqiesu bħala l-bażi għall-miżuri kkontestati ta' dak l-att u li fuqhom kien jiddependi l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu. Fir-rigward tal-forma li fiha tiġi rreġistrata dik id-data bażika, il-Qorti ddeċidiet li l-leġiżlatur jista' jqis il-valutazzjonijiet tal-impatt u kwalunkwe sors ieħor ta' informazzjoni. Hija annullat id-dispożizzjoni li tintroduċi l-obbligu għall-vetturi użati fit-trasport internazzjonali li jirritornaw lejn ċentru operazzjonali fl-Istat Membru tal-istabbiliment tal-impriża tat-trasport ikkonċernata kull 8 ġimgħat⁵⁷, li kienet ġiet miżjuda mat-test matul in-negozjati leġiżlattivi. Il-Qorti ddeċidiet li l-koleġiżlaturi ma kinux ipproduċew u stabbilew b'mod ċar u inekwivoku d-data bażika li abbażi tagħha ġie adottat dak l-obbligu u li fuqha kien jiddependi l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħhom. Għalhekk naqsu milli jistabbilixxu li kellhom biżżejjed informazzjoni biex ikunu jistgħu jivvalutaw il-proporzjonalità tal-obbligu li l-vetturi jirritornaw⁵⁸. Peress li l-koleġiżlaturi ma wrewx li kienu eżaminaw il-proporzjonalità tad-dispożizzjoni, il-Qorti ma kellhiex għalfejn tivverifika jekk kinitx proporzjonata.

Fl-2024, kamra parlamentari nazzjonali (l-Assemblée nationale Franċiża) użat għall-ewwel darba l-possibbiltà prevista fil-Protokoll Nru 2 li tressaq kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja minħabba ksur tal-prinċipju tas-sussidjarjetà sabiex titlob l-annullament ta' att leġiżlattiv (ir-Regolament (UE) 2024/1351 dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni)⁵⁹.

⁵⁵ Is-sentenza tas-27 ta' Novembru 2024, Nord Stream 2 vs Il-Parlament u Il-Kunsill, T-526/19 RENV, ECLI:EU:T:2024:864, il-punti 310 sa 311 (appell pendenti: C-118/25 P).

⁵⁶ Is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024, Ir-Repubblika tal-Litwanja et vs Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, C-541/20 sa C-555/20, ECLI:EU:C:2024:818, il-punti 218 sa 220 u 240 sa 244.

⁵⁷ Il-punt 1(3) tar-Regolament (UE) 2020/1055 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 (ĠU 2020 L 249, p. 17), sa fejn daħħal il-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rrispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq (ĠU 2009, L 300, p. 51).


⁵⁸ Is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024, Ir-Repubblika tal-Litwanja et vs Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, il-punti 718 sa 737.

⁵⁹ Il-Kawża: C-553/24: <https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2024/5616/oj>; il-proċedimenti għadhom għaddejjin.

3. APPLIKAZZJONI TAL-MEKKANIŻMU TA' KONTROLL TAS-SUSSIDJARJETÀ MILL-PARLAMENTI NAZZJONALI

3.1 ĦARSA ĠENERALI


Il-Parlamenti nazzjonali komplew jivverifikaw il-konformità tal-proposti leġiżlattivi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Dan wassal biex il-Kummissjoni rċeviet **14-il opinjoni motivata**⁶⁰ mill-Parlamenti nazzjonali fl-2024⁶¹, sena ta' tranżizzjoni istituzzjonali li fiha l-għadd aktar baxx ta' inizjattivi leġiżlattivi u politiċi ġodda tipikament jirriżulta f'inqas opinjonijiet mill-Parlamenti nazzjonali.



⁶⁰ Skont il-Protokoll Nru 2, kwalunkwe Parlament nazzjonali jew kamra ta' Parlament nazzjonali tista', fi żmien 8 ġimgħat mid-data tat-trażmissjoni ta' abbozz ta' att leġiżlattiv bil-lingwi uffiċjali tal-UE, toħroġ opinjoni motivata fejn tiddikjara għaliex tqis li l-abbozz inkwistjoni ma jikkonformax mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Ara wkoll in-nota 61 f'qiegħ il-paġna.

⁶¹ Dan l-għadd jirreferi għall-għadd totali ta' opinjonijiet motivati li waslu mill-kmamar parlamentari skont il-Protokoll Nru 2 fl-2024. Ara wkoll l-Anness 1 għal-lista ta' dokumenti tal-Kummissjoni li dwarhom il-Kummissjoni rċeviet opinjonijiet motivati.

Perċentwal ta' opinjonijiet motivati fir-rigward tal-opinjonijiet kollha riċevuti



Nota: il-linja bit-tikek tirrappreżenta x-xejra lineari 'l isfel.

F'konformità mas-sentejn preċedenti, fl-2024, parti kbira mill-opinjonijiet motivati kollha oriġinaw minn Parlament nazzjonali wieħed, *ir-Riksdag* Żvediż. Huwa ħareġ sitt opinjonijiet motivati fl-2024, li jammontaw għal aktar minn 40 % tal-għadd totali. L-opinjonijiet motivati l-oħra fl-2024 kienu maqsuma fost is-*Sénat* Franċiż (tnejn), il-*Houses of the Oireachtas* Irlandiżi (tnejn), il-*Poslanecká sněmovna* Ċek (waħda), il-*Camera dei Deputati* Taljana (waħda), l-*Országgyűlés* Ungeriż (waħda) u l-Kamra tad-Deputati Maltija (waħda). Dan ifisser li 8 mid-39 Parlamenti jew kmamar nazzjonali ħarġu opinjonijiet motivati fl-2024, għadd konformi mas-snin preċedenti.

Mill-perspettiva tematika, l-14-il opinjoni motivata li waslu fl-2024 kienu mifruxa u relatati ma' 11-il proposta differenti tal-Kummissjoni, li l-ebda waħda minnhom ma rċeviet aktar minn tliet opinjonijiet motivati, bħas-sena preċedenti. Il-proposta li skattat l-ogħla għadd ta' opinjonijiet motivati kienet il-proposta dwar in-Negozju fl-Ewropa: Proposta ta' Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu (BEFIT, Business in Europe: Framework for Income Taxation), bi tliet opinjonijiet motivati li jammontaw għal sitt voti⁶². Dan kważi laħaq il-livell limitu biex il-Kummissjoni tipproduċi risposta aggregata⁶³, iżda kien 'il bogħod minn "karta safra" li tkun tirrikjedi li l-Kummissjoni tagħti raġunijiet biex iżżomm, tbiddel jew tirtira l-proposta tagħha. L-unika proposta oħra li skattat aktar minn opinjoni motivata waħda kienet il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi rekwiżiti armonizzati fis-suq intern dwar it-trasparenza tar-rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi, b'żewġ opinjonijiet motivati li jammontaw għal erba' voti. Id-disa' proposti li fadal skattaw biss opinjoni motivata waħda kull waħda.

⁶² Kull Parlament nazzjonali għandu żewġ voti. Kull kamra f'sistemi bikamerali għandha vot wieħed.

⁶³ Il-Kummissjoni impenjat ruħha li twieġeb b'risposta aggregata jekk proposta tiskatta għadd "sinifikanti" ta' opinjonijiet motivati ("sinifikanti" f'dan il-kuntest tfisser li l-għadd ta' opinjonijiet motivati jikkorrispondi għal mill-inqas seba' voti tal-Parlamenti nazzjonali), anke jekk il-proposta ma tkunx skattat biżżejjed opinjonijiet motivati biex jintlaħaq il-limitu tal-"karta safra", li jiskatta rieżami obbligatorju ta' abbozz ta' atti legali. Il-limitu tal-"karta safra" normalment jintlaħaq meta l-għadd ta' opinjonijiet motivati riċevuti mingħand il-Parlamenti nazzjonali jkun mill-inqas terz tal-voti kollha allokat lihom (jiġifieri 18 minn 54). Għall-abbozzi ta' atti leġislattivi sottomessi fil-qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja, il-limitu huwa kwart tal-voti (14 minn 54).

It-Taqsima 3.2 li ġejja tkopri l-każijiet ewlenin ta' proposti li skattaw aktar minn opinjoni motivata waħda. L-Anness 1 jinkludi dettalji sħaħ dwar l-opinjoni motivati kollha.

3.2 KAŻIJET EWLENIN

Il-proposta dwar in-**Negożju fl-Ewropa: Il-Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu (BEFIT)**⁶⁴ skatta tliet opinjonijiet motivati⁶⁵ u erba' opinjonijiet bħala parti mid-djalogu politiku⁶⁶, li esprimew tħassib dwar il-kamp ta' applikazzjoni, is-sussidjarjetà u l-iskeda ta' żmien. L-opinjoni motivati kollha u opinjoni waħda fil-qafas tad-djalogu politiku argumentaw li l-UE ma kinitx kompetenti fit-tassazzjoni diretta. Il-biċċa l-kbira tal-opinjoni argumentaw ukoll li l-impatt ta' din il-proposta fuq l-Istati Membri ma kienx ġie vvalutat kif xieraq u ma kienx ċar. Diversi kmamar enfasizzaw kif jaħsbu li din il-proposta setgħet tagħmel ħsara lill-pajjiżhom, pereżempju li r-ridistribuzzjoni tal-profitti tkun ta' benefiċċju pjuttost għall-Istati Membri l-kbar (il-*Houses of the Oireachtas* Irlandiżi), li bażi tat-taxxa uniformi tkun ta' detriment għall-istruttura nazzjonali (il-*Bundesrat* Ġermaniż), jew li l-proposta tista' tillimita l-impatt tal-investiment nazzjonali proprju biex jappoġġa l-innovazzjoni (is-*Senat* Pollakk). Il-*Bundesrat* Ġermaniż irrifjuta wkoll il-possibbiltà ta' ħelsien mit-taxxa għat-telf transfruntier u ppropona li l-implimentazzjoni tal-proposta tiġi ttardjata, billi sostna li l-2028 kienet kmieni wisq biex jingħaqdu l-mudelli differenti kollha tat-taxxa. Il-*Camera dei Deputati* Taljana qieset li l-proposta kienet konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u appoġġat b'mod ġenerali l-oġettivi tagħha, bħall-istabbiliment ta' regoli komuni għall-kalkolu tal-introjtu taxxabbli ta' gruppi ta' kumpaniji (kbar) li joperaw fl-UE. Fl-istess ħin, hija indikat il-hteġa li jittieħdu aktar passi lejn sistemi tat-taxxa korporattiva peress li regoli minimi limitati għall-bażijiet taxxabbli ma kinux biżżejjed waħedhom biex inaqqsu l-kompetizzjoni inġusta fil-qasam tat-taxxa fl-UE. Diversi Parlamenti indikaw ukoll iż-żieda fil-piż amministrattiv li din il-proposta toħloq kemm għan-negożji kif ukoll għall-amministrazzjonijiet.

Fir-risposti tagħha, il-Kummissjoni sostniet li l-proposta kienet tirrispetta l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità peress li kellha l-għan biss li tistabbilixxi regoli komuni biex jiġi ddeterminat l-introjtu taxxabbli ta' gruppi ta' kumpaniji kbar. Hija ddikjarat li l-proposta ma kinitx tillimita l-kompetenza nazzjonali fit-tassazzjoni, peress li l-Istati Membri xorta jkollhom l-awtonomija li jistabbilixxu r-rati u l-politiki tat-taxxa tagħhom stess. Dwar ir-riskji possibbli li tiġi stabbilita bażi tat-taxxa uniformi, il-Kummissjoni nnotat li l-proposta tfasslet biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-konformità filwaqt li jinħolqu kundizzjonijiet ekwi madwar l-UE. Bl-istess mod, il-Kummissjoni indikat li s-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni permezz tal-proposta jagħmlu lill-UE aktar attraenti għall-investiment, u b'hekk jipprevjenu kwalunkwe impatt negattiv. Fuq nota simili, hija rreferiet għall-valutazzjoni tal-impatt. Hija kienet stmat li skont data reċenti, il-proposta tista' tnaqqas l-ispejjeż tal-konformità sa massimu ta' 65 %. Dwar l-iskeda ta' żmien, filwaqt li rrikonoxxiet il-hteġa ta' żmien suffiċjenti għall-adattament, il-Kummissjoni indikat li l-proposta tippredvi perjodu ta' tranżizzjoni ta' 4 snin u nofs wara l-implimentazzjoni proposta tagħha fl-1 ta' Lulju 2028. Hija ġibdet l-attenzjoni wkoll għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi permezz ta' sett uniku u semplifikat ta' regoli għall-kalkolu tal-introjtu taxxabbli, li jnaqqas il-piż amministrattiv. Il-Kummissjoni ssottolinjat ukoll li l-proposta ma kellhiex l-għan li tikseb l-oġhla grad possibbli ta' armonizzazzjoni fost is-sistemi tat-taxxa nazzjonali.

⁶⁴ COM(2023) 532 final.

⁶⁵ *Id-Dáil* u s-*Seanad Éireann* Irlandiżi, il-Kamra tad-Deputati Maltija, ir-*Riksdag* Żvediż.

⁶⁶ Il-*Bundesrat* Ġermaniż, is-*Senat* Pollakk, il-*Camera dei Deputati* Taljana u s-*Senat* Ċek.

Il-proposta dwar **it-trasparenza tar-rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi**⁶⁷ skattat żewġ opinjonijiet motivati u ħames opinjonijiet fil-qafas tad-djalogu politiku. Is-Sénat Franċiż, l-*Országgyűlés* Ungeriża, is-*Senato della Repubblica* Taljan u l-*Camera dei Deputati* Taljana qajmu dubji dwar l-adeqwatezza tal-użu tal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) bħala l-unika bażi legali għad-Direttiva. F'opinjonijiet motivati, l-*Országgyűlés* kif ukoll id-*Dáil* u s-*Seanad Éireann* Irlandiżi, argumentaw li l-proposta tikser il-prinċipju tas-sussidjarjetà peress li timponi armonizzazzjoni massima u tillimita d-diskrezzjoni tal-Istati Membri. Dan potenzjalment iwassal għal tnaqqis fl-istandards ta' trasparenza għal dawk b'regolamenti aktar stretti. Dan l-argument kien kondiviż ukoll mill-*Camera dei Deputati* u mis-Sénat Franċiż. L-*Országgyűlés* kellha dubji dwar il-ħtieġa u l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE, filwaqt li nnotat li r-regolamenti nazzjonali eżistenti kienu biżżejjed u li kważi nofs l-Istati Membri lanqas biss jirregolaw dan il-qasam. Barra minn hekk, is-*Senat* Ċek talab lill-gvern tiegħu biex ma jappoġġax il-proposta sakemm ma tkunx ġiet immodifikata sostanzjalment, u l-*Eerste Kamer* Netherlandiża baġtet lista ta' mistoqsijiet dwar il-proposta.

Fir-risposti tagħha, il-Kummissjoni spjegat l-użu tal-Artikolu 114 tat-TFUE, u indikat li l-proposta kienet xierqa biex tkopri l-fornituri tas-servizzi fis-suq uniku u tindirizza d-differenzi bejn id-dispożizzjonijiet tal-Istati Membri li jaffettwaw il-funzjonament tas-suq intern. Hija indikat li l-proposta kienet tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà peress li indirizzat kwistjonijiet transfruntiera li ma setgħux jiġu solvuti b'mod effettiv mill-Istati Membri individwalment. Hija enfasizzat ukoll li l-miżuri proposti kienu proporzjonati għall-għan li tiġi żgurata t-trasparenza. Barra minn hekk, il-Kummissjoni enfasizzat il-valur miżjud ta' regolamentazzjoni fil-livell tal-UE biex tiġi evitata l-frammentazzjoni fis-suq intern u biex tiġi indirizzata n-natura tranżnazzjonali tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi minn pajjiżi terzi, li kienu jirrikjedu approċċ koordinat. Hija ġġustifikat l-approċċ ta' armonizzazzjoni massima biex jiġi evitat l-arbitraġġ regolatorju u jinħolqu kundizzjonijiet ekwi, jitnaqqsu l-ispejjeż ta' konformità u tiġi evitata "għirja lejn l-aktar livell baxx" fl-istandards regolatorji.

4. DJALOGU POLITIKU BIL-MIKTUB MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI

Minbarra l-mekkaniżmu ta' skrutinju tas-sussidjarjetà stabbilit mill-Protokoll Nru 2, ir-relazzjonijiet tal-Kummissjoni mal-Parlamenti nazzjonali jinkludu firxa ta' attivitajiet, b'mod partikolari d-djalogu politiku stabbilit fl-2006. Dan id-djalogu jiffaċilita skambji bil-miktub dwar inizjattivi tal-Kummissjoni li l-Parlamenti nazzjonali jkun jixtiequ jikkontribwixxu għalihom, kif ukoll dwar kwistjonijiet li jagħżlu li jqajmu fuq inizjattiva tagħhom stess. Fl-2024, il-Kummissjoni tejbet b'mod sinifikanti l-mod li bih hija tagħmel disponibbli għall-pubbliku l-opinjonijiet u l-opinjonijiet motivati tal-Parlamenti nazzjonali kif ukoll ir-risposti tagħha. Hija nediet bażi tad-data online għdida⁶⁸ li tippermetti lill-utenti, b'għadd ta' possibbiltajiet ta' filtrazzjoni, jaċċessaw aktar faċilment is-sett sħiħ ta' opinjonijiet u risposti sa mill-bidu tal-Kummissjoni tal-President Juncker fl-2014.

Barra minn hekk, id-djalogu politiku jinkludi wkoll dimensjoni orali, li hija deskritta fil-Kapitolu 5.


⁶⁷ COM(2023) 637 final – Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi rekwiżiti armonizzati fis-suq intern dwar it-trasparenza tar-rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937.

⁶⁸ <https://national-parliaments-opinions.ec.europa.eu/home>

4.1 OSSERVAZZJONIJIET ĠENERALI

Fl-2024, il-Parlamenti nazzjonali bagħtu **252 opinjoni** lill-Kummissjoni, tnaqqis konsiderevoli mill-402 fl-2023, iżda tipiku għal sena ta' tranżizzjoni istituzzjonali. Madankollu, meta mqabbla mal-varjazzjoni qawwija ħafna li dehret fl-2019, meta l-ammont ta' opinjonijiet kien 73 % inqas minn dak fl-2018, it-tnaqqis fl-2024 kien aktar modest – bl-ammont ta' opinjonijiet ikun 33 % biss inqas minn dak fl-2023. L-għadd totali ta' opinjonijiet riċevuti matul il-Kummissjoni von der Leyen I baqa' ferm aktar baxx mill-għadd li wasal matul il-Kummissjonijiet ta' Barroso II u ta' Juncker.

Il-Parlamenti nazzjonali komplew jużaw id-diversi modi ta' komunikazzjoni li joffri d-djalogu politiku. Ta' min jinnota b'mod partikolari f'dan ir-rigward żewġ opinjonijiet fuq inizjattiva proprja mibdija mis-*Seimas* Litwan. Dawn ġew diskussi f'laqgħa ddedikata ta' grupp ta' Parlamenti bi tħejjija għal-laqgħa plenarja tal-COSAC f'Novembru 2024 u mbagħad intbagħtu lill-Kummissjoni ffirmati b'mod konġunt minn diversi kmamar (waħda minn 11-il kamra addizzjonali u l-oħra minn 10 kmamar addizzjonali). Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-metodoloġija li l-Kummissjoni użat f'edizzjonijiet preċedenti ta' dan ir-rapport annwali⁶⁹, dawn iż-żewġ dokumenti flimkien jammontaw għal 23 opinjoni. Dan l-approċċ għandu konsegwenzi ulterjuri li dwarhom insibu riflessjonijiet u kummenti f'dan ir-rapport, pereżempju s-sehem ferm ogħla ta' opinjonijiet fuq inizjattiva proprja (36 meta mqabbla mal-medja ta' 10 fis-snin preċedenti) jew li żewġ kmamar li ma kinux ipparteċipaw fid-djalogu politiku mal-Kummissjoni mill-2016 reġgħu pparteċipaw fl-2024.



⁶⁹ Skont il-metodoloġija użata f'edizzjonijiet preċedenti ta' dan ir-rapport annwali, meta opinjoni tiġi ffirmata b'mod konġunt minn diversi kmamar, din tammonta għal daqstant opinjonijiet daqskemm iffirmawha kmamar. Fil-passat, kien komuni li l-Kummissjoni tirċievi opinjonijiet iffirmati b'mod konġunt mill-kmamar taċ-Ċekja (bikamerali), tal-Ungerija (unikamerali), tal-Polonja (bikamerali) u tas-Slovakkja (unikamerali), li b'hekk kienu jammontaw għal sitt opinjonijiet.

Ħarsa aktar mill-qrib lejn dawn il-252 opinjoni turi li 119 (47 %) kienu relatati ma' proposti leġiżlattivi soġġetti għall-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà⁷⁰, li minnhom 14 kienu opinjonijiet motivati (5,6 % tat-total). Il-133 opinjoni li jifdal (53 %) kienu jikkonċernaw prinċipalment inizjattivi mhux leġiżlattivi (l-aktar komunikazzjonijiet, iżda wkoll white papers u xi konsultazzjonijiet pubbliċi) jew kienu opinjonijiet fuq inizjattiva proprja mhux relatati direttament ma' inizjattiva tal-Kummissjoni (36 opinjoni). Id-distribuzzjoni hija simili għall-2019, is-sena ta' tranżizzjoni preċedenti.

Fi ħdan il-Kummissjoni, il-punti mqajma mill-Parlamenti jew mill-kmamar nazzjonali jinġiebu għall-attenzjoni tal-Membri rilevanti tal-Kummissjoni u tad-dipartimenti tal-Kummissjoni, li jabbozzaw ukoll ir-risposti. Fil-każ ta' proposti leġiżlattivi, dawn għalhekk jiġu kkomunikati lir-rappreżentanti tal-Kummissjoni li jipparteċipaw fin-negozjati bejn il-koleġiżlaturi.

4.2 PARTEĊIPAZZJONI U KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Bħal fis-snin preċedenti, l-għadd ta' opinjonijiet mibgħuta lill-Kummissjoni varja b'mod sinifikanti bejn il-Parlamenti nazzjonali. Parzjalment minħabba l-opinjonijiet fuq inizjattiva proprja ffirmati b'mod konġunt li diġà ssemew, l-għadd ta' Parlamenti jew kmamar nazzjonali li *ma ħarġu l-ebda* opinjoni naqas⁷¹ għal 6 kmamar⁷² minn 39 fl-2024. Dan ifisser li l-Parlamenti ta' tliet Stati Membri biss⁷³ *ma involvew ruħhom* fid-djalogu politiku bil-miktub. Mit-33 kamra li pparteċipaw, sitta⁷⁴ għamlu dan biss permezz tal-opinjonijiet fuq inizjattiva proprja ffirmati b'mod konġunt.

L-aktar 10 kmamar attivi ħarġu 160 opinjoni (63,5 % tat-total). Din hija eċċezzjoni notevoli għax-xejra osservata fid-9 snin preċedenti⁷⁵, meta l-aktar 10 kmamar attivi bħala medja ħarġu madwar 80 % tal-opinjonijiet kollha. Fl-2024, l-aktar 10 kmamar attivi kienu l-*Camera Deputaţilor* Rumena (41), il-*Camera dei Deputati* Taljana (26), il-*Cortes Generales* Spanjola (18), il-*Bundesrat* Ġermaniż (17), is-*Senát* Ċek (16), is-*Senat* Rumun (15), il-*Poslanecká sněmovna* Ċeka (14), is-*Sénat* Franċiż (13), is-*Senato della Repubblica* Taljan (12) u r-*Riksdag* Żvediż (11). Disgħa minnhom kienu wkoll fost l-aktar kmamar attivi fl-2023. Ara l-Anness 2 għall-għadd ta' opinjonijiet li bagħtet kull kamra.

⁷⁰ Għal aktar informazzjoni dwar il-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà u d-djalogu politiku, ara https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/adopting-eu-law/relations-national-parliaments_mt. Il-proposti leġiżlattivi li jkunu relatati ma' oqsma ta' politika li fihom l-UE għandha kompetenza esklużiva ma humiex soġġetti għall-iskrutinju tas-sussidjarjetà mill-Parlamenti nazzjonali.


⁷¹ 2023: 9; 2022: 7; 2021: 8; 2020: 12; 2019: 17; 2018: 10.

⁷² Ara l-Anness 3.

⁷³ Il-Parlamenti nazzjonali tal-Bulgarija, tad-Danimarka u tal-Awstrija. 2023: 6; 2022: 5.

⁷⁴ Il-*Vouli ton Antiprosodon* Ċiprijotta, ir-*Riigikogu* Estonjan (opinjoni preċedenti li waslet fl-2016), is-*Saeima* Latvjan (opinjoni preċedenti li waslet fl-2016), is-*Sejm* Pollakk, l-*Eduskunta* Finlandiż u l-*Bundestag* Ġermaniż.

⁷⁵ 2023: 80 %; 2022: 79 %; 2021: 79 %; 2020: 85 %; 2019: 73 %; 2018: 83 %; 2017: 74 %; 2016: 73 %.



Bħal fis-snin preċedenti, in-natura tal-opinjoni varjat ukoll minn Parlament nazzjonali għal ieħor jew minn kamra nazzjonali għal oħra. Xi wħud iffukaw l-aktar fuq il-verifika ta' jekk proposta tal-Kummissjoni kinitx konformi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità⁷⁶, filwaqt li oħrajn ikkummentaw f'aktar dettall dwar il-kontenut tal-proposti jew bagħtu opinjonijiet fuq inizjattiva proprja li ma kinux jirreferu għal proposta konkreta tal-Kummissjoni. Fl-2024, il-Kummissjoni rċeviet 38⁷⁷ opinjoni fuq inizjattiva proprja li koprew firxa wiesgħa ta' suġġetti – mil-liġi tal-UE dwar l-ispazju, il-protezzjoni tal-fruntieri esterni, it-tniġġis tal-ilma kkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli għall-akkwist pubbliku. Is-suġġetti koperti f'aktar minn opinjoni fuq inizjattiva proprja waħda kienu l-politika agrikola komuni wara l-2027, is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani u l-20 anniversarju tat-tkabbir tal-2004, kif ukoll l-opinjoni fuq inizjattiva proprja ffirmati b'mod konġunt imsemmija hawn fuq li oriġinaw mis-*Seimas* Litwan dwar it-twaqqif ta' importazzjonijiet ta' gass naturali likwifikat mir-Russja u dwar il-protezzjoni tal-fruntieri esterni. Il-Parlamenti nazzjonali ħarġu opinjonijiet dwar diversi white papers dwar l-investimenti 'l barra, il-kontrolli tal-esportazzjoni, l-għażliet biex jiżdied l-appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp li jinvolvu teknoloġiji b'potenzjal ta' użu doppju u dwar “Kif għandhom jiġu kkontrollati l-ħtiġijiet tal-infrastruttura diġitali tal-Ewropa?”. Għalkemm l-intensità tad-djalogu politiku naqset fl-2024, kien hemm konċentrazzjoni notevoli fuq xi proposti li attiraw livell konsiderevoli ta' attenzjoni mill-Parlamenti nazzjonali għall-kuntrarju tal-opinjoni motivati, li, kif indikat hawn fuq, kienu fil-biċċa l-kbira mxerrda fuq proposti differenti.

4.3 SUĖĖTTI EWLENIN TAL-OPINJONIJIET FID-DJALOGU POLITIKU

Il-proposti li ġejjin skattaw il-biċċa l-kbira tal-opinjoni:

1. Il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2024 (10 opinjonijiet)⁷⁸.
2. Il-proposta għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal⁷⁹ (tmien opinjonijiet).

⁷⁶ Bħall-*Cortes Generales* Spanjola u l-*Assembleia da República* Portugiża.

⁷⁷ 23 minnhom kienu ż-żewġ opinjonijiet fuq inizjattiva proprja ffirmati b'mod konġunt fis-*Seimas* Litwan dwar il-waqfien tal-importazzjonijiet tal-gass naturali likwifikat mir-Russja u dwar il-protezzjoni tal-fruntieri esterni.

⁷⁸ Tlieta waslu fl-2023.

⁷⁹ L-Anness 3 jelenka l-inizjattivi tal-Kummissjoni li skattaw minn tal-anqas ħames opinjonijiet. L-opinjoni li jkopru l-proposti mmarkati b'asterisk (*) ma ġewx inklużi f'din it-taqsimin minħabba li skattaw ukoll mill-inqas tliet opinjonijiet motivati u għalhekk diġà ġew koperti fit-Taqsimin 3.2 ta' dan ir-rapport.

3. Il-proposta għal reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet, il-proposta dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward tal-prevenzjoni, tad-detezzjoni u tal-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin, u dwar it-tisħiħ tas-sostenn tal-Europol għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati bħal dawn, il-proposta tal-BEFIT* u l-proposta dwar it-trasparenza tar-rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi* (seba' opinjonijiet kull waħda).
4. Il-proposta għal Direttiva dwar it-Traineeships u l-proposta li tistabbilixxi regoli minimi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u soġġorn mhux awtorizzati fl-UE (sitt opinjonijiet kull waħda).

Barra minn hekk, l-edizzjoni preċedenti ta' dan ir-rapport annwali skattat żewġ opinjonijiet fl-2024, koperti fl-aħħar ta' din it-taqsim.

Bħal fis-snin preċedenti, tmien Parlamenti nazzjonali analizzaw il-**programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2024**⁸⁰, li skatta 10 opinjonijiet (7 fl-2024 u 3 fl-2023⁸¹). Dan kien ugwali għall-għadd ta' opinjonijiet li waslu dwar il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2023. Dawn l-opinjonijiet irriflettew l-analiżi mwettqa mill-kmamar differenti tal-prijoritajiet tal-programm imqabbli mal-politiki nazzjonali tagħhom stess. Skont it-42 Rapport Biennali tal-COSAC⁸², kważi 90 % tal-kmamar jiddiskutu internament il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni f'livelli differenti: kważi dejjem fil-livell tal-kumitat tal-affarijiet tal-UE, f'madwar nofshom f'kumitati oħra u f'aktar minn terz fil-laqgħat plenarji.

L-opinjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali dwar il-programm ta' ħidma għall-2024 urew kunsens rigward sfidi ewlenin tal-UE. Kien hemm appoġġ wiesa' għall-Ukrajna, għall-iżvilupp tal-Istrateġija għall-Industrija tad-Difiża Ewropea u għall-aċċellerazzjoni tal-proċess tat-tkabbir ibbażat fuq il-mertu u l-valuri tal-UE. Ħafna kmamar enfasizzaw l-importanza ta' sħubijiet fil-qasam tal-politika barranija, bħal pereżempju mal-Afrika, u tal-appoġġ kontinwu għas-Sħubija tal-Lvant u l-Viċinat tan-Nofsinhar. Kien hemm qbil ukoll dwar il-ħtieġa li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, b'fokus fuq l-istabbiliment tal-mira ta' tnaqqis għall-2040, u l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta. Diversi kmamar saħqu fuq l-importanza tar-reżiljenza tal-ilma, tal-agrikoltura sostenibbli u tas-sigurtà tal-ikel. Barra minn hekk, kien hemm kunsens dwar il-ħtieġa li jinżamm il-pass mal-użu tal-intelliġenza artifiċjali u li dan jiġi rregolat u l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi tal-migrazzjoni jew l-abbuż sesswali tat-tfal online u l-isfruttament sesswali tat-tfal, b'appelli għal oqfsa komprensivi u kooperazzjoni msaħħa fost l-Istati Membri u internazzjonalment. Oqsm ewlenin oħra ta' qbil kienu jinkludu l-importanza tal-edukazzjoni, bil-proposta ta' diploma Ewropea konġunta, u l-ħtieġa li jitnaqqsu l-burokrazija u l-piż amministrattiv biex jiġu promossi l-kompetittività u t-tkabbir. B'mod ġenerali, l-opinjonijiet enfasizzaw il-ħtieġa ta' approċċ ikkoordinat tal-UE biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi urġenti u tiġi promossa Ewropa aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti.

Fir-risposti tagħha, il-Kummissjoni affermat mill-ġdid l-impenn tagħha li tkompli tappoġġa lill-Ukrajna filwaqt li tħejji wkoll għat-tkabbir b'suċċess tal-UE, immirat lejn it-trawwim tal-paċi u l-istabbiltà fit-tul fl-Ewropa. Hija enfasizzat li t-tkabbir jibqa' bbażat fuq il-mertu, b'rispett għall-valuri fundamentali, inklużi d-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt. Dawn se jkomplu jservu bħala kundizzjonijiet essenzjali għall-adeżjoni mal-UE. Il-Kummissjoni laqgħet l-appoġġ għall-azzjonijiet tagħha fil-qasam tad-difiża, filwaqt li enfasizzat il-preżentazzjoni tal-ewwel Strateġija

⁸⁰ COM(2023) 638 final – Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2024 – Inwettqu illum u nħejju għal għada.

⁸¹ Il-Hrvatski Sabor Kroat, l-Eerste u t-Tweede Kamer Netherlandiżi, is-Seimas Litwan, ix-Chambre des Députés Lussemburġiżi, in-Národná Rada Slovakk u l-Camera Deputaţilor Rumena bagħtu opinjonijiet fl-2024. Is-Sénat Franċiż, is-Senat Rumun u r-Riksdag Żvediż bagħtu opinjoni kull wieħed f'Diċembru 2023.

⁸² <https://secure.ipex.eu/IPEXL-WEB/download/file/8a8629a89279be0201927ba2f1630010/42nd+Bi-annual+Report+of+COSAC+final+version+adopted.pdf>.

għall-Industrija tad-Difiża Ewropea, u appellat għal aktar investiment relatat mad-difiża mill-Istati Membri. Hija rreferiet ukoll għall-proposta tagħha li taġġorna l-qafas legali għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, li juri l-impenn tagħha li tindirizza l-isfidi relatati mal-migrazzjoni. Il-Kummissjoni ssottolinjat ukoll id-determinazzjoni tagħha li tiżgura li t-tranżizzjoni ekoloġika tinkiseb b'mod ġust u inklużiv, u li jiġu implimentati inizjattivi ewlenin għall-avvanz tal-aġenda diġitali. Dawn l-inizjattivi għandhom l-għan li jsaħħu r-reżiljenza tal-Ewropa u jnaqqsu l-piż amministrattiv, u b'hekk jgħinu biex tingħata spinta lill-kompetittività tan-negozji Ewropej. Dwar l-agrikoltura, il-Kummissjoni enfasizzat it-tnedija tad-Djalogu Strateġiku dwar il-futur tal-agrikoltura tal-UE bħala opportunità siewja biex tidħol f'komunikazzjoni mal-bdiewa u ma' partijiet ikkonċernati ewlenin oħra.

Il-proposta għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal⁸³ skattat tmien opinjonijiet, inkluża opinjoni motivata waħda. Il-*Poslanecká sněmovna* Ċeka u l-*Camera dei Deputati* Taljana esprimew dubji dwar il-ħtieġa ta' azzjoni fil-livell tal-UE, u sostnew li xi aspetti tal-proposta kienu jmorru lil hinn mill-kompetenza tal-UE. Is-*Sénat* Franċiż ukoll argumenta li dispożizzjonijiet bħad-definizzjoni ta' "materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal" kienu jindaħlu indebitament fil-kompetenzi nazzjonali. Min-naħa l-oħra, il-*Camera Deputaţilor* Rumena nnotat li l-proposta ma kkriminalizzatx l-"estorsjoni sesswali" jew il-"pornografija b'vendetta" bħala reati awtonomi, minkejja li rrikonoxxiet li dawn qed jinfirxu dejjem aktar. Diversi kmamar (il-*Camera dei Deputati* Taljana, is-*Sénat* Franċiż, il-*Camera Deputaţilor* Rumena) xeħtu dubju fuq id-dispożizzjoni tal-proposta li tippermetti lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi jidentifikaw u janalizzaw materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, billi semmew kunflitti ta' interess potenzjali, jew li dan kien pjuttost komputu tal-awtoritajiet nazzjonali. Il-*Bundesrat* Ġermaniż innota li l-ħolqien ta' ċentru tal-UE għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal jibni kapaċitajiet ta' ġestjoni ċentrali addizzjonali fil-livell tal-UE iżda ma għandux joħloq piż amministrattiv addizzjonali għall-Istati Membri.

Fir-risposti tagħha, il-Kummissjoni sostniet li l-proposta kienet tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà. Hija enfasizzat li l-imġiba li tinvolvi theddid ta' kondivizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal bil-għan li jinkiseb aktar materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal kienet koperta minn dispożizzjonijiet oħra fil-proposta. Dwar ir-rwol tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi, il-Kummissjoni ċċarat li ma kinex se jieħdu kompiti li għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet nazzjonali. Minflok, id-dispożizzjonijiet rispettivi kienu meħtieġa biex jipprovdu ċertezza legali għall-attivitajiet tal-hotlines nazzjonali u ta' organizzazzjonijiet simili. Il-Kummissjoni ħadet nota tas-suġġeriment tal-*Bundesrat* Ġermaniż li jitnaqqsu l-obbligi tal-ġbir tad-data mitluba skont il-proposta, filwaqt li insistiet li l-ġbir tad-data dwar il-prevenzjoni u l-assistenza lill-vittmi huwa essenzjali biex tiġi vvalutata l-effettività tal-miżuri meħuda f'dan il-qasam.

Diversi Parlamenti nazzjonali ħarġu opinjonijiet dwar il-proposti għal Regolament⁸⁴ (sebgħa opinjonijiet, inkluża opinjoni motivata waħda) dwar **it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward tal-prevenzjoni, tad-detezzjoni u tal-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin, u dwar it-tisħiħ tas-sostenn tal-Europol**

⁸³ COM(2024) 60 final – Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI (riformulazzjoni).

⁸⁴ COM(2023) 754 final – Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward tal-prevenzjoni, tad-detezzjoni u tal-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin, u dwar it-tisħiħ tas-sostenn tal-Europol għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati bħal dawn u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794.

għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati bħal dawn, u għal direttiva⁸⁵ (sitt opinjonijiet) **dwar regoli minimi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u soġġorn mhux awtorizzati fl-UE.** Fl-opinjoni motivata tiegħu, ir-*Riksdag* Żvediż argumenta li ċerti aspetti tal-proposta intervjenew wisq fil-kompetenza tal-Istati Membri u appella għal analiżi aktar fil-fond tal-ħtieġa tal-miżuri proposti u tal-proporzjonalità tagħhom, b'mod partikolari l-estensjoni tal-mandat operazzjonali tal-Europol. Ir-*Riksdag* ilmenta li l-proposta ma kinitx akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt. Il-*Bundesrat* Ġermaniż ikkritika wkoll il-fatt li r-regolament innifsu jistabbilixxi ċentru anness mal-Europol, ħass li din id-deċiżjoni għandha titħalla f'idejn il-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol, u sab li l-proposta għandha tiġi eżaminata b'mod ġenerali għall-osservanza tagħha tal-prinċipju tal-proporzjonalità. Huwa talab kjarifika tal-kompiti tal-Europol, tal-Eurojust u tal-Frontex kif ukoll tal-kompetenzi tal-esperti u tal-uffiċjali ta' kollegament sekondati liċ-ċentru l-ġdid. Il-*Camera dei Deputati* Taljana laqgħet it-twessigħ tal-firxa ta' ġuriżdizzjoni tal-UE f'dan il-qasam, iżda qajmet tħassib dwar il-piż amministrattiv potenzjali tal-ġbir u r-rapportar tad-data statistika. Hija argumentat ukoll favur tfassil mill-ġdid tal-eżenzjonijiet għall-attivitajiet umanitarji. Iż-żewġ kmamar Ċeki, filwaqt li b'mod ġenerali appoġġaw il-proposti, esprimew tħassib dwar il-piż potenzjali fuq il-baġit tal-Istat u l-ambjent soċjali, kif ukoll il-ħtieġa ta' xi kjarifiki u tal-armonizzazzjoni tar-reati u s-sanzjonijiet kriminali. Il-*Camera Deputaţilor* Rumena saħqet fuq l-importanza ta' distinzjoni ċara bejn l-iffaċilitar tal-migrazzjoni irregolari u l-ġhoti ta' għajjuna umanitarja, u appellat li jiġu żgurati l-protezzjoni tad-drittijiet u l-assistenza tal-migranti. L-*Eerste Kamer* Netherlandiża baġtet sett ta' mistoqsijiet minn gruppi politiċi dwar iż-żewġ proposti, filwaqt li esprimiet tħassib dwar it-twessigħ tal-mandat tal-Europol u jekk kienx proporzjonat. Permezz tal-mistoqsijiet tagħhom, diversi gruppi parlamentari qajmu wkoll tħassib dwar l-impatt fuq l-organizzazzjonijiet tal-għajjuna umanitarja, li, fil-fehma tagħhom, ġew kriminalizzati sistematikament f'dawn l-aħħar snin u talbu kjarifika tad-distinzjoni bejn l-assistenza umanitarja u t-traffikar tal-bnedmin.

Fir-risposti tagħha, il-Kummissjoni ċċarat li ċ-ċentru li għandu jinhloq itejjeb il-koordinazzjoni u l-appoġġ għall-Istati Membri fil-ġlieda kontra d-dħul klandestin u t-traffikar tal-migranti. Fir-risposti tagħha lir-*Riksdag* Żvediż u lill-*Bundesrat* Ġermaniż, il-Kummissjoni enfasizzat li l-proposti kienu meħtieġa u proporzjonati biex jiġu miġġielda b'mod effettiv id-dħul klandestin tal-migranti u t-traffikar, minħabba n-natura tranżnazzjonali ta' dawn ir-reati. Barra minn hekk, hija ħadet nota tas-suġġeriment tal-*Camera dei Deputati* Taljana biex tirfina l-eżenzjoni għall-attivitajiet umanitarji.

Il-proposta għal **Direttiva dwar it-Traineeships⁸⁶** skattat seba' opinjonijiet, inkluża opinjoni motivata waħda⁸⁷. Fl-opinjoni motivata tiegħu, ir-*Riksdag* Żvediż qies li l-proposta kienet estensiva wisq, tmur lil hinn mill-kompetenza tal-UE fir-rigward tal-edukazzjoni u l-aċċess għas-sigurtà soċjali u l-paga, u ma tqisx is-sistemi u l-kundizzjonijiet differenti fl-Istati Membri. Fl-opinjoni tal-qafas tad-dialogu politiku, diversi kmamar indikaw li d-definizzjoni tal-proposta ta' traineeship ma kinitx kompatibbli mal-liġijiet nazzjonali rispettivi tagħhom u raw il-ħtieġa li jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva. Kamra waħda talbet kjarifiki dwar l-

⁸⁵ COM(2023)755 final – Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi regoli minimi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u soġġorn mhux awtorizzati fl-Unjoni, u li tissostitwixxi d-Direttiva tal-Kunsill 2002/90/KE u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/946/ĠAI.

⁸⁶ COM(2024) 132 final – Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u l-ġlieda kontra relazzjonijiet ta' impjeg regolari li taparsi jkunu traineeships (id-“Direttiva dwar it-Traineeships”).

⁸⁷ Ir-*Riksdag* Żvediż (opinjoni motivata), il-*Camera dei Deputati* Taljana (żewġ opinjonijiet, waħda biss dwar COM(2024) 132 final u waħda li tirreferi wkoll għal COM(2024) 133 final), is-*Senato* Taljan, is-*Senat* Rumien, il-*Cortes Generales* Spanjol, l-*Assembleia da República* Portuġiża.

applikabbiltà tad-direttiva għat-trainees minn pajjiżi mhux tal-UE. Żewġ kmamar sempliċità ikkonfermaw il-konformità tal-proposta mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Fir-risposti tagħha, il-Kummissjoni ssottolinjat li l-proposta kienet tindirizza biss il-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u la kienet taffettwa kwistjonijiet relatati mal-kontenut tat-tagħlim jew tat-taħriġ tat-traineeships u lanqas l-aċċess tat-trainees għas-sigurtà soċjali. Barra minn hekk, hija rrikonoxxiet id-diversità tal-approċċi regolatorji tal-Istati Membri għal tipi differenti ta' traineeships fir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt⁸⁸ li jakkumpanja l-proposta tagħha. Il-Kummissjoni tenniet li l-proposta ma kinitx tirrikjedi li l-Istati Membri jikklassifikaw mill-ġdid l-istatus mogħti lit-trainees skont id-dritt nazzjonali jew li joħolqu status ġdid. Hija ħalliet barra intenzjonalment referenza għal "relazzjoni ta' impjeg" fid-definizzjoni tagħha ta' "traineeship" biex tevita lakuni fl-applikazzjoni tad-direttiva biex jiġi evitat li l-impjegji regolari jkunu moħbija bħala traineeships. Il-Kummissjoni kkonfermat ukoll li l-proposta tkun tapplika għal trainees minn pajjiżi mhux tal-UE li jagħmlu traineeship fl-UE.

Il-proposta għal Direttiva dwar dwar **l-istabbiliment u l-funzjonament tal-Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet u l-infurzar effettiv tad-drittijiet tranżnazzjonali tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni**⁸⁹ rċeviet attenzjoni konsiderevoli mill-Parlamenti nazzjonali u skattat seba' opinjonijiet⁹⁰. Żewġ kmamar bagħtu opinjonijiet favorevoli, filwaqt li erba' kmamar esprimew tħassib li l-miżuri proposti jżidu l-piż regolatorju u l-ispejjeż għall-kumpaniji, li potenzjalment jaffettwaw il-kompetittività tagħhom. Xi kmamar talbu wkoll kjarifika dwar id-definizzjoni ta' kwistjonijiet tranżnazzjonali. Diversi kmamar qablu dwar il-ħtieġa li jinkiseb bilanċ bejn il-ġeneri, iżda kellhom problemi bil-kwoti fissi tal-ġeneru fil-Kunsilli Ewropej tax-Xogħol.

Fir-risposti tagħha, il-Kummissjoni spjegat li l-proposta kellha l-għan li ttejjeb l-effettività tal-qafas għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-livell tranżnazzjonali u żżid il-valur miżjud tal-Kunsilli Ewropej tax-Xogħol għall-ħaddiema u l-kumpaniji. Hija qieset diversi għażliet ta' politika fil-valutazzjoni tal-impatt tagħha u ma sabet l-ebda evidenza ta' effetti negattivi potenzjali fuq il-kostijiet tal-kumpaniji u l-kompetittività tal-prezzijiet, il-kompetittività internazzjonali, u l-kapaċità għall-innovazzjoni. Il-Kummissjoni indikat li d-definizzjoni ta' kwistjonijiet tranżnazzjonali fil-proposta kienet tirrikjedi rabta kawżali bejn il-miżuri proposti fi Stat Membru wieħed u l-konsegwenzi maħluqa fi Stat Membru ieħor. Dan kien maħsub biex jipprevjeni li kwistjonijiet purament lokali jiġu diskussi fil-Kunsilli Ewropej tax-Xogħol, filwaqt li jiżgura li dawn il-kunsilli jkunu involuti meta l-konsegwenzi tad-deċiżjonijiet ta' ġestjoni x'aktarx jaffettwaw lill-ħaddiema f'aktar minn Stat Membru wieħed. Dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri, il-Kummissjoni enfasizzat id-dispożizzjonijiet proposti li l-partijiet fin-negożjati jagħmlu sforz biex jiksbu bilanċ bejn il-ġeneri, sakemm dan ikun legalment u fattwalment fattibbli fis-sitwazzjoni konkreta, mingħajr ma jiġu affettwati l-liġijiet nazzjonali dwar l-elezzjoni tar-rappreżentanti tal-impjegati.

Ir-rapport annwali tal-2022 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità u dwar ir-relazzjonijiet mal-Parlamenti nazzjonali⁹¹ skatta żewġ opinjonijiet

⁸⁸ SWD(2024) 67 final.

⁸⁹ COM(2024) 14 final – Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/38/KE fir-rigward tal-istabbiliment u l-funzjonament tal-Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet u l-infurzar effettiv tad-drittijiet tranżnazzjonali tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni.

⁹⁰ Il-Poslanecká sněmovna Ċeka, il-Camera dei Deputati Taljana, is-Senato Taljan, is-Senat Rumun, il-Bundesrat Ġermaniż, il-Houses of the Oireachtas Irlandiżi, il-Cortes Generales Spanjol.

⁹¹ COM(2023) 640 final, ippubblikat f'Ottubru 2023.

mibgħuta fl-2024. Ir-*Riksdag* Żvediz⁹² staqsa (i) għaliex l-għadd ta' opinjonijiet motivati naqas f'dawn l-aħħar snin, filwaqt li indika titjib ċar fil-ġustifikazzjonijiet tal-Kummissjoni għall-konformità tal-proposti tagħha mal-prinċipju tas-sussidjarjetà sa mill-2010; (ii) jekk il-Parlamenti nazzjonali li ma jippreżentaw l-ebda oġġezzjoni skont il-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà ma jagħmlux dan minħabba li ma jkollhom l-ebda oġġezzjoni jew għaliex jaħsbu li dan il-mekkaniżmu ma huwiex effettiv jew xieraq; u (iii) jekk dawk il-Parlamenti jużawx mezzi alternattivi biex jeżerċitaw l-influwenza tagħhom. Il-*Camera dei Deputati* Taljana⁹³ kkritikat ir-rapport tal-Kummissjoni għan-nuqqas ta' data statistika u informazzjoni dwar diversi aspetti tar-risposti tal-Kummissjoni għall-opinjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali, bħall-valutazzjoni tal-kwalità tagħhom. Appellat ukoll għal rabtiet aktar b'saħħithom bejn il-Kummissjoni u l-Parlamenti nazzjonali, u għamlet diversi rakkomandazzjonijiet biex jittejjeb il-proċess leġiżlattiv, inklużi ġustifikazzjonijiet aktar dettaljati għall-proposti, involviment akbar tal-Parlamenti nazzjonali, u valutazzjonijiet tal-impatt aħjar. Enfasizzat ukoll il-hteġa ta' aktar trasparenza fl-attivitajiet tal-Kunsill u aċċess għad-dokumenti tiegħu, u pproponiet it-tneđija ta' dibattitu dwar l-iskop u l-metodi tal-leġiżlazzjoni tal-UE, b'mod partikolari fid-dawl tat-tkabbir potenzjali tal-UE.

Dawn l-opinjonijiet għandhom jitqiesu flimkien mat-talbiet u l-proposti, espressi b'mod kollettiv mill-Parlamenti nazzjonali, fil-Kontribut tat-LXXII plenarja tal-COSAC f'Ottubru 2024⁹⁴. Il-Kummissjoni wieġbet⁹⁵ għat-tħassib dwar it-tnaqqis fl-opinjonijiet motivati mill-Parlamenti nazzjonali, u spjegat li aktarx dan huwa minħabba s-suċċess fl-applikazzjoni tal-aġenda u l-ġhodod tagħha għal Regolamentazzjoni Aħjar, u l-verifika aktar rigoruża tal-osservanza tal-prinċipju tas-sussidjarjetà meta tħejji l-inizjattivi tagħha. Bl-istess mod, hija indikat li t-tnaqqis ma deherx li kien ir-riżultat ta' tnaqqis ekwivalenti fil-kontrolli tas-sussidjarjetà mill-Parlamenti nazzjonali għaliex il-maġġoranza tal-opinjonijiet li ħarġu fil-qafas tad-djalogu politiku fit-3 snin preċedenti kienu jkopru proposti soġġetti għall-kontroll tas-sussidjarjetà, u ħafna minn dawk l-opinjonijiet iddikjaraw b'mod espliċitu li l-proposti leġiżlattivi jikkonformaw mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Din l-osservazzjoni kienet appoġġata mir-risposti tal-Parlamenti nazzjonali għall-kwestjonarju biex jitħejja t-42 Rapport Biennali tal-COSAC u mill-opinjonijiet u l-opinjonijiet motivati li kienet irċeviet il-Kummissjoni, li jindikaw li mill-inqas 29 kamra minn 39 (21 Parlament nazzjonali minn 27) wettqu kontrolli tas-sussidjarjetà mill-2019. L-opinjonijiet motivati ma humiex l-uniku mezz biex jiġu espressi r-riżultati tal-verifika tas-sussidjarjetà li jagħmlu l-Parlamenti nazzjonali.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni fakkret ir-rwol importanti li l-Parlamenti nazzjonali għandhom fil-qafas kostituzzjonali Ewropew u fit-tfassil tal-politiki tal-UE. Hija enfasizzat ukoll l-appoġġ tagħha għall-Parlamenti nazzjonali u għall-iskrutinju tas-sussidjarjetà tagħhom, inkluż billi tipprovdi risposti dettaljati għall-opinjonijiet tagħhom u billi tressaq it-tħassib tagħhom għall-attenzjoni tal-Membri rilevanti tal-Kummissjoni u tad-dipartimenti tagħha. Il-Kummissjoni enfasizzat ukoll l-importanza tad-djalogu politiku mal-Parlamenti nazzjonali, li jippermettilhom jikkontribwixxu għall-proċess Ewropew tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u nnotat li ħafna Parlamenti nazzjonali qed jieħdu vantaġġ minn din l-opportunità biex jinvolvu ruħhom fil-fażijiet bikrin tal-proċess. Il-Kummissjoni ħeġġet lill-Parlamenti nazzjonali biex jipparteċipaw fl-appelli tagħha għall-evidenza u għall-konsultazzjonijiet pubbliċi, u esprimiet ir-rieda tagħha li ssaħħa id-djalogu mal-Parlamenti nazzjonali permezz ta' mezzi stabbiliti ta' komunikazzjoni u kooperazzjoni. Dwar il-kwalità tar-risposti tal-Kummissjoni għall-opinjonijiet mill-Parlamenti nazzjonali, il-

⁹² <https://national-parliaments-opinions.ec.europa.eu/documents/download/20392> (verżjoni SE: <https://national-parliaments-opinions.ec.europa.eu/documents/download/20391>).

⁹³ <https://national-parliaments-opinions.ec.europa.eu/documents/download/20388> (verżjoni IT: <https://national-parliaments-opinions.ec.europa.eu/documents/download/20387>).

⁹⁴ Ara t-Taqsima 5.2.

⁹⁵ C(2024) 5649 final, <https://national-parliaments-opinions.ec.europa.eu/documents/download/20407> (verżjoni SE: <https://national-parliaments-opinions.ec.europa.eu/documents/download/20408>), u C(2024) 7221 final, <https://national-parliaments-opinions.ec.europa.eu/documents/download/21001> (verżjoni IT: <https://national-parliaments-opinions.ec.europa.eu/documents/download/21000>).

Kummissjoni⁹⁶ fakkret is-37 Rapport Biennali tal-COSAC⁹⁷, li jgħid li “il-maġġoranza l-kbira [tal-kmamar tal-Parlamenti nazzjonali] ddikjarat li l-Kummissjoni Ewropea indirizzat il-parti l-kbira tal-kwistjonijiet imqajma fl-opinjoni tagħhom fil-qasam tad-djalogu politiku.”

5. KUNTATTI, ŻJARAT, LAQGĦAT, KONFERENZI U ATTIVITAJIET OĦRAJN

5.1 Żjarat tal-Kummissjoni lill-Parlamenti nazzjonali u laqgħat magħhom

Id-djalogu politiku orali bejn il-Kummissjoni u l-Parlamenti nazzjonali jieħu diversi forom. Dan jinkludi żjarat bejn il-Membri tal-Kummissjoni u l-Parlamenti nazzjonali, il-parteciċipazzjoni tal-Membri tal-Kummissjoni f'laqgħat tal-kumitati interparlamentari organizzati mill-Parlament Ewropew u konferenzi, bħal dawk organizzati mill-COSAC, preżentazzjonijiet tal-Kummissjoni lir-rappreżentanti permanenti tal-Parlamenti nazzjonali fi Brussell u skambji regolari dwar il-programmi ta' ħidma tal-Kummissjoni.

Fl-2024, il-Membri tal-Kummissjoni pparteċipaw f'57 żjara lill-Parlamenti nazzjonali u laqgħat mad-delegazzjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali, li jkopru l-maġġoranza tal-kmamar (24 minn 39). Dan huwa inqas milli fl-4 snin preċedenti (127 żjara fl-2023, 143 fl-2022, 130 fl-2021, 101 fl-2020), iżda simili ħafna għall-għadd ta' żjarat u laqgħat fis-sena ta' tranżizzjoni preċedenti (2019): 55. Il-Kummissjoni rċeviet ukoll għadd oġġla ta' żjarat minn gruppi ta' persunal fl-2024 – f'xi każijiet flimkien ma' Membri tal-Parlament – minn diversi Parlamenti nazzjonali li xtaqu jiksibu informazzjoni diretta dwar il-modi ta' interazzjoni u l-mezzi ta' komunikazzjoni eżistenti bejn il-Kummissjoni u l-Parlamenti nazzjonali⁹⁸.

⁹⁶ C(2024) 7221 final, <https://national-parliaments-opinions.ec.europa.eu/documents/download/21001> (verżjoni IT: <https://national-parliaments-opinions.ec.europa.eu/documents/download/21000>).

⁹⁷ Is-37 Rapport Biennali tal-COSAC – Developments in European Union Procedures and Practices Relevant to Parliamentary Scrutiny: <https://ipexl.europarl.europa.eu/IPEXL-WEB/download/file/082d29087ee8684c017f0e1b03990203/37th+Bi-annual+Report+of+COSAC.pdf> (paġna 7).

⁹⁸ Dawn iż-żjarat tal-aħħar ma humiex riflessi fil-mappa ta' hawn taħt.

Chambre des représentants | Kamer van volksvertegenwoordigers 0
Sénat de Belgique | Belgische Senaat 0

Dáil 1
Seanad Éireann 2

Tweede Kamer 1
Eerste Kamer 1

Chambre des Députés 3
Sénat 3

Assemblée nationale 4
Sénat 3

Congreso de los Diputados 0
Senado 0

Assembleia da República 1

Eduskunta 2

Riksdag 2

Riigikogu 0

Saeima 4

Seimas 2

Folketinget 3

Bundestag 7
Bundesrat 0

Sejm 3
Senat 0

Poslanecká sněmovna 0
Senát 1

Bundesrat 0
Nationalrat 0

Národní rada 3

Országgyűlés 4

Državni zbor 0
Državni svet 0

Hrvatski sabor 2

Camera Deputaţilor 0
Senat 0

Camera dei Deputati 1
Senato della Repubblica 1

Народно събрание 1
(Narodno-sabranie)

Βουλή των Ελλήνων 2
(Vouli ton Ellinon)

Βουλή των Αντιπροσώπων 3
(Vouli ton Antiprosopon)

Kamra tad-Deputati 0

5.2 Laqgħat u konferenzi interparlamentari

Fl-2024, il-Membri tal-Kummissjoni pparteċipaw fil-laqgħat u fil-konferenzi interparlamentari li ġejjin⁹⁹:

- il-COSAC¹⁰⁰;
- il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea¹⁰¹;
- il-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar l-Europol¹⁰²;
- diversi konferenzi interparlamentari (IPCs, interparliamentary conferences)¹⁰³.

Fil-perjodu ta' rapportar, saru żewġ laqgħat tal-Presidenti tal-COSAC (Jannar u Lulju) u żewġ laqgħat plenarji tal-COSAC (Marzu u Ottubru) fil-Belġju u fl-Ungerija, il-pajjiżi li kellhom il-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea f'dak iż-żmien. Wara kull sessjoni plenarja nħarġu konklużjonijiet¹⁰⁴, kontribut¹⁰⁵ u rapport biennali. Waħda mit-taqsimiet tal-Kontribut maħruġa wara s-sessjoni plenarja tal-COSAC ta' Marzu kienet maħsuba bħala l-kontribut kollettiv tal-Parlamenti nazzjonali għal-linji gwida strateġiċi tal-2024–2029, xi ħaġa li ma seħħitx matul it-tranżizzjonijiet istituzzjonali preċedenti fl-2014 u fl-2019. Il-Kummissjoni pprovdiet risposti bil-miktub għall-kontributi adottati mill-COSAC¹⁰⁶.

Il-laqgħat tal-COSAC fl-2024 koprew (i) il-prijoritajiet taż-żewġ Presidenzi tal-Kunsill (il-Belġju u l-Ungerija); (ii) il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; (iii) it-tkabbir u l-impatt tiegħu fuq il-futur tal-UE; (iv) ir-rieżami tal-leġiżlatura Ewropea tal-2019–2024 u l-prospetti għall-aġenda strateġika tal-Kunsill għall-2024–2029; (v) il-politika dwar il-ġeneru u r-rappreżentanza tan-nisa u tal-irġiel fil-parlament; (vi) l-awtonomija strateġika miftuħa, id-demokrazija u l-istat tad-dritt; (vii) is-sitwazzjoni attwali tat-tkabbir tal-Balkani tal-Punent u tal-Lvant tal-UE; (viii) l-istat tal-UE fis-sena ta' tranżizzjoni istituzzjonali u l-15-il sena mill-applikazzjoni tat-Trattat ta' Liżbona; (xi) ix-xejriet demografiċi Ewropej u r-risponsi fil-livell nazzjonali u Ewropew; u (x) is-sigurtà u d-difiża Ewropea. Il-Kummissarji Schmit, Breton u Várhelyi attendew żewġ laqgħat tal-COSAC u l-Viċi President Eżekuttiv Šefčovič wassal messaġġ bil-vidjo fit-LXXII plenarja, fejn enfasizza li l-Parlamenti nazzjonali se jkomplu jaqdu rwol ewlieni wkoll fil-5 snin li ġejjin.

⁹⁹ Għal aktar dettalji, ara r-rapport tal-Parlament Ewropew dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali: https://www.europarl.europa.eu/cmsdata/290544/L031010_PAN_PART-NatParl%20Annual%20Report%202023_MT%20digital.pdf.

¹⁰⁰ Il-COSAC, li fiha l-Kummissjoni għandha status ta' osservatur, hija l-uniku forum interparlamentari stabbilit fit-Trattati, (fil-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-UE). Għal aktar informazzjoni, ara <https://secure.ipex.eu/IPEXL-WEB/conferences/cosac>.

¹⁰¹ Il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea tlaqqa' flimkien parlamentari mill-pajjiżi tal-UE, pajjiżi kandidati u pajjiżi osservaturi sabiex jiddiskutu kwistjonijiet ekonomiċi, baġitarji, ambjentali u soċjali. Fl-2024, din saret fit-12 u t-13 ta' Frar. Il-Viċi President Eżekuttiv Dombrovskis għamel rimarki ewlenin fis-sessjoni tal-ftuħ. Il-Kummissarju McGuinness introduċiet l-iskambju ta' fehmiet ma' dawk li jfasslu l-politika mistiedna għal-Laqqha tal-Kumitat Interparlamentari tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarij. Il-Kummissarju Hahn għamel rimarki introduttorji matul is-sessjoni "Tagħlimiet meħuda minn NextGenerationEU: perspettivi nazzjonali u tal-UE dwar kif il-baġit tal-UE jista' jirreaġixxi fi żminijiet ta' kriżi" tal-Laqqha tal-Kumitat Interparlamentari tal-Kumitat għall-Baġits.

¹⁰² Il-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar l-Europol kellu l-14 u l-15-il laqgħa tiegħu fit-18 u d-19 ta' Frar f'Ghent (il-Belġju) u fit-12 ta' Novembru fil-Parlament Ewropew. Il-Kummissarju Johansson attendiet l-ewwel laqgħa personalment u wasslet messaġġ bil-vidjo matul it-tieni laqgħa.

¹⁰³ L-IPC għall-Politika Ewropea u ta' Sigurtà Komuni u għall-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PESK/PSDK) li saret fid-9 u fl-10 ta' Settembru attendew għaliha l-Kummissarju Várhelyi u r-Rappreżentant Għoli/Viċi President Borrell. Il-Kummissarju Ferreira wasslet messaġġ bil-vidjo fl-IPC dwar "is-SECG" (Ottubru).

¹⁰⁴ Il-Konklużjonijiet adottati fil-LXXI COSAC u l-Konklużjonijiet adottati fit-LXXII COSAC (bl-EN u bil-FR).

¹⁰⁵ Il-Kontribut adottat fil-LXXI COSAC u l-Kontribut adottat fit-LXXII COSAC (bl-EN u bil-FR).

¹⁰⁶ [Ir-risposta tal-Kummissjoni għall-kontribut adottat fil-LXXI COSAC \(anness\)](#) u [Ir-risposta tal-Kummissjoni għall-kontribut adottat fit-LXXII COSAC \(anness\)](#) (disponibbli bl-EN).

Dwar l-involvement tagħhom fit-tfassil tal-politika tal-UE, il-Parlamenti nazzjonali fformulaw b'mod kollettiv għadd ta' talbiet u suġġerimenti fil-Kontribut tat-LXXII laqgħa plenarja tal-COSAC f'Ottubru 2024. B'mod partikolari, huma talbu (i) l-introduzzjoni ta' dritt indirett ta' inizjattiva leġiżlattiva għalihom infushom fil-forma ta' "karta ħadra"; (ii) aċċess imtejjeb għad-dokumenti tal-Kunsill; (iii) il-parteċipazzjoni regolari tal-Membri tal-Kummissjoni fil-laqgħat tal-COSAC; (iv) djalogu akbar bejn il-Parlamenti nazzjonali u l-Kummissjoni, b'mod partikolari meta din tal-aħħar tfassal il-linji gwida strateġiċi u l-programmi ta' ħidma annwali tagħha; u (v) l-iffaċilitar tal-iskrutinju tas-sussidjarjetà billi tiġi estiża l-iskadenza mogħtija lill-Parlamenti nazzjonali minn 8 ġimgħat għal 10 ġimgħat u jitnaqqas il-limitu biex tiġi skattata l-"karta safra" għal kwart tal-voti mitfugħa.

Fir-risposta tagħha, il-Kummissjoni qablet mal-COSAC li l-Parlamenti nazzjonali għandhom rwol kruċjali fit-tisħiħ tal-valuri demokratiċi, indikat li hija lesta li tkompli tiżviluppa d-djalogu magħhom, u ħeġġithom jinvolvu ruħhom aktar kmieni fil-proċess politiku – saħansitra minn meta tkun qed tiġi kkunsidrata u mħejjija leġiżlazzjoni ġdida fil-livell tal-UE. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni rrikonoxxiet il-kontribut kollettiv tal-Parlamenti nazzjonali għall-aġenda strateġika għall-2024-2029 permezz tal-Kontribut tal-LXXI COSAC u ħeġġet dan it-tip ta' impenn kollettiv fil-futur. Hija laqgħet ukoll l-opinjoni u l-informazzjoni, bħala parti mid-djalogu politiku, mill-Parlamenti nazzjonali dwar il-prijoritajiet tagħhom stess fir-rigward tal-punti riflessi fil-programmi ta' ħidma adottati tal-Kummissjoni. Tali kontribut jista' jkun ukoll element bikri tal-iskrutinju mill-Parlamenti nazzjonali tar-rispett tas-sussidjarjetà fil-leġiżlazzjoni tal-UE. Il-Kummissjoni ħadet nota tal-proposta tal-COSAC biex tkompli ssaħħaħ l-iskrutinju tas-sussidjarjetà mill-Parlamenti nazzjonali billi testendi l-iskadenza tiegħu minn 8 ġimgħat għal 10 ġimgħat u billi tnaqqas il-limitu biex tiskatta l-"karta safra". Madankollu, hija kienet tal-fehma li l-intensifikazzjoni tad-djalogu politiku u tal-laqgħat interparlamentari bejn il-Parlamenti nazzjonali u l-Kummissjoni¹⁰⁷ diġà joffru possibiltajiet biex tittejjeb aktar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fil-leġiżlazzjoni tal-UE, b'mod aktar immedjat minn dawn il-miżuri, li jkunu jirrikjedu bidliet fit-Trattat.

6. IR-RWOL TAL-PARLAMENTI REĠJONALI

Il-Parlamenti Reġjonali jikkontribwixxu indirettament għall-iskrutinju tas-sussidjarjetà. Skont il-Protokoll Nru 2, huwa f'idejn kull Parlament nazzjonali, meta jwettaq il-kontroll tas-sussidjarjetà għall-abbozzi ta' atti leġiżlattivi tal-UE bil-ħsieb li joħroġ opinjonijiet motivati, li jikkonsulta, fejn xieraq, lill-Parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi.

Il-membri tal-Parlamenti reġjonali huma rappreżentati wkoll fil-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni. Dan iwettaq ħidma ta' monitoraġġ permezz tan-*Network* għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà u l-pjattaforma online tiegħu, li hija mfassla biex tappoġġa l-parteċipazzjoni mill-Parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi fil-mekkaniżmu ta' twissija bikrija dwar is-sussidjarjetà (REGPEX)¹⁰⁸.

¹⁰⁷ Bħal fl-2023, fl-2024 reġġet ma ntużatx il-possibbiltà stabbilita fl-2021 u li tkompletat fl-2022 li jiġu organizzati skambji online informali tal-COSAC mal-Membri tal-Kummissjoni.

¹⁰⁸ <http://portal.cor.europa.eu/subsidiarity/regpex/Pages/default.aspx>. Ara t-Taqsima 2.4 għal aktar dettalji dwar l-attivitajiet ta' kontroll tas-sussidjarjetà tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni.

It-Trattati ma jipprevedux b'mod espliċitu interazzjoni diretta bejn il-Kummissjoni u l-Parlamenti reġjonali, iżda l-Kummissjoni tqis il-kontributi tagħhom u tweġibhom. Xi Parlamenti reġjonali¹⁰⁹ komplew jissottomettu riżoluzzjonijiet lill-Kummissjoni: 38 riżoluzzjoni fl-2024, meta mqabbla ma' 32 fl-2023, 72 fl-2022, 50 fl-2021 u 33 fl-2020. Xi wħud minnhom iffukaw fuq Komunikazzjonijiet¹¹⁰ u proposti¹¹¹ speċifiċi tal-Kummissjoni, filwaqt li oħrajn semmew diversi kwistjonijiet topiċi oħra. Oħrajn ipparteċipaw fil-konsultazzjonijiet pubbliċi tal-Kummissjoni, għalkemm s'issa dan il-mezz intuża b'mod attiv minn Parlament reġjonali wieħed biss li ssottometta risposti għal diversi konsultazzjonijiet pubbliċi mmedija mill-Kummissjoni¹¹². Parlament reġjonali wieħed uża mezz ieħor, u ssottometta ħames opinjonijiet permezz tal-Parlament nazzjonali tiegħu¹¹³.

7. KONKLUŻJONI

L-2024 kienet sena ta' tranżizzjoni, u dan inħass f'diversi aspetti tar-relazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-Parlamenti nazzjonali. Meta mqabbel mal-4 snin preċedenti, dan kien ifisser li l-Parlamenti nazzjonali ħarġu inqas opinjonijiet, għalkemm it-tnaqqis ma kienx f'daqqa bħal dak tas-sena ta' tranżizzjoni preċedenti 2019. Kien hemm, relattivament, anqas opinjonijiet dwar proposti soġġetti għall-iskrutinju tas-sussidjarjetà; kien hemm inqas żjarat u laqgħat, iżda kważi għadd identiku għas-sena ta' tranżizzjoni preċedenti; u l-Membri tal-Kummissjoni pparteċipaw inqas f'avvenimenti interparlamentari.

Għal darb'oħra, il-biċċa l-kbira tal-opinjonijiet motivati nħarġu minn Parlament nazzjonali wieħed, f'dan il-każ ir-*Riksdag* Żvediż. Il-Parlamenti nazzjonali komplew juru interess kbir fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni u ħarġu 10 opinjonijiet dwar il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2023, l-istess għadd bħal dak għall-edizzjoni tal-2022. Il-parlamenti reġjonali

¹⁰⁹ Il-Parlamenti reġjonali ta': il-Wallonja, ir-Reġjun ta' Brussell Kapitali u l-Komunità Belġjana li titkellem bil-Ġermaniż (il-Belġju); il-Bavarja u r-Rheinland-Pfalz (il-Ġermanja); il-Gżejjer Baleariċi, il-Pajjiż Bask, u Navarra (Spanja); Emilia-Romagna (l-Italja); Salzburg u l-Awstrija ta' Fuq (l-Awstrija); is-Subkarpazja (il-Polonja); il-Konferenza Ewropea tal-Presidenti tal-Parlamenti reġjonali Ġermaniżi u Awstrijaċi, l-Assemblea Reġjonali tat-Tirol tan-Nofsinhar, il-Parlament tal-Komunità Belġjana li titkellem bil-Ġermaniż, flimkien mal-*Bundestag* u l-*Bundesrat* Ġermaniżi, u l-*Bundesrat* Awstrijak; il-Kunsill Parlamentari Interreġjonali (Saarland u Rhineland-Pfalz (il-Ġermanja); il-Grand Est (Franza); il-Lussemburgu (il-Lussemburgu); il-Wallonja, il-Federazzjoni Wallonie-Bruxelles u l-Komunità Belġjana li titkellem bil-Ġermaniż (il-Belġju)). L-aktar Parlamenti reġjonali attivi kienu dawk tal-Bavarja (12) u tal-Gżejjer Baleariċi (11). Il-Konferenza Ewropea tal-Presidenti tal-Parlamenti reġjonali Ġermaniżi u Awstrijaċi, l-Assemblea Reġjonali tat-Tirol tan-Nofsinhar, il-Parlament tal-Komunità Belġjana li titkellem bil-Ġermaniż, flimkien mal-*Bundestag* u l-*Bundesrat* Ġermaniżi, u l-*Bundesrat* Awstrijak ħarġu tlieta, il-Komunità Belġjana li titkellem bil-Ġermaniż ħarġet tnejn u l-bqija kollha ħarġu waħda kull wieħed.

¹¹⁰ It-Tabelli ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2023 u l-2024 (COM(2023) 309 final u COM(2024) 950 final), ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt (COM(2023) 800 final) u l-Komunikazzjoni "Niżguraw il-futur tagħna Il-mira klimatika Ewropea għall-2040 u l-perkors għan-newtralità klimatika sal-2050 aħna u nibnu soċjetà sostenibbli, prospera u ġusta" (COM(2024) 63 final).

¹¹¹ Il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali (COM(2023) 316 final), il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill "Ewropa Attiva" – opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd (COM(2023) 719 final), il-proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu sabiex jissolvew l-ostakli legali u amministrattivi f'kuntest transfruntier (COM(2023) 790 final) u l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Monitoraġġ u r-Reżiljenza tal-Ħamrija (Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija) (COM(2023) 416 final).

¹¹² Il-Parlament reġjonali tal-Bavarja ssottometta kontributi għal ħames konsultazzjonijiet pubbliċi għal inizjattivi taħt varjetà ta' politiki, meta mqabbel ma' sitta fl-2023 u aktar minn 20 fl-2022.

¹¹³ Il-Parlament Fjamming, li skont id-Dikjarazzjoni 51 tat-Trattati jaġixxi bħala komponent tas-sistema parlamentari nazzjonali Belġjana, baġat ħames opinjonijiet permezz tas-Segretarjat tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Assembleji Parlamentari, b'indirizz fis-*Sénat*/Senaat Belġjan. Għalhekk, il-Kummissjoni rreġistrathom teknikament bħala opinjonijiet tas-*Sénat*/Senaat Belġjan, u wiegħbet lit-tnejn li huma kemm permezz ta' dan tal-aħħar kif ukoll direttament lill-Parlament reġjonali.

komplew jinteraġixxu mal-Kummissjoni billi bagħtu aktar riżoluzzjonijiet mis-sena preċedenti dwar diversi kwistjonijiet topiċi.

Żviluppi notevoli u parzjalment ġodda fl-2024 fir-rigward tas-suġġetti koperti minn dan ir-rapport kienu:

- il-Parlamenti nazzjonali ħarġu għadd kbir ta' opinjonijiet fuq inizjattiva proprja li jħarsu 'l quddiem;
- il-parteċipazzjoni mill-Parlamenti nazzjonali fid-djalogu politiku kienet pjuttost aktar mifruxa mis-snin preċedenti u inqas ikkonċentrata fuq l-aktar Parlamenti/kmamar attivi;
- il-Parlamenti nazzjonali komplew jesploraw modi flessibbli ta' parteċipazzjoni fid-djalogu politiku, bħal billi ltaqgħu fi gruppi u billi ffirmaw b'mod konġunt opinjonijiet fuq inizjattiva proprja;
- żewġ Parlamenti nazzjonali ħarġu opinjonijiet dwar l-edizzjoni preċedenti tar-rapport annwali dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità u r-relazzjonijiet mal-Parlamenti nazzjonali u, fost l-oħrajn, irriflettew fuq ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali;
- b'mod kollettiv ukoll permezz tal-COSAC, il-Parlamenti nazzjonali fformulaw talbiet u suġġerimenti biex jissaħħaħ ir-rwol tagħhom fit-tfassil tal-politika tal-UE, li l-Kummissjoni wieġbet għalihom b'mod kostruttiv;
- il-Kontribut tal-LXXI COSAC ta' Marzu 2024 kien maħsub mill-Parlamenti nazzjonali biex iservi bħala kontribut konġunt għall-aġenda strateġika għaċ-ċiklu istituzzjonali l-ġdid 2024–2029;
- għall-ewwel darba tressqet kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea minn kamra nazzjonali li talbet l-annullament ta' att leġiżlattiv, fejn sostniet li regolament qabeż il-kompetenzi tal-istituzzjonijiet tal-UE u kien qed jikser il-prinċipju tas-sussidjarjetà¹¹⁴.

Dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea annullat dispożizzjoni ta' regolament¹¹⁵ li kienet ġiet miżjuda mat-test propost mill-Kummissjoni waqt in-negozjati leġiżlattivi. Il-Qorti ddeċidiet li l-koleġiżlaturi kienu naqsu milli jistabbilixxu li kellhom biżżejjed informazzjoni biex ikunu jistgħu jivvalutaw u jistabbilixxu b'mod inekwivoku l-proporzjonalità tal-emenda leġiżlattiva tagħhom li introduċiet dik id-dispożizzjoni speċifika.

¹¹⁴ Peress li l-proċedimenti għadhom għaddejjin, din il-kawża (C-553/24) se tkun koperta f'edizzjoni li ġejja ta' dan ir-rapport annwali.

¹¹⁵ Il-Punt 1(3) tar-Regolament (UE) 2020/1055 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 (ĠU 2020 L 249, p. 17).